

Rapport Speċjali

Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE għat-tiħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent: Metaawditu



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx

Sit web: eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

Print	ISBN 978-92-872-5736-9	ISSN 1831-0907	doi:10.2865/139628	QJ-AB-16-022-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-5689-8	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/233388	QJ-AB-16-022-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-5713-0	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/103038	QJ-AB-16-022-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni tal-Istampi 1 u 2, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Rapport Speċjali

Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill- UE għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent: Metaawditu

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmas-simizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III — immexxija minn Karel Pinxten, Membru tal-QEA — li hija responsabli għal azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Istvan Szabolcs Fazakas, b'appoġġ minn Márton Baranyi, Attaché tal-kabinett tiegħu, Francis Joret u Sabine Hiernaux-Fritsch, Appoġġ u Kontroll tal-Kwalità; Dennis Wernerus, Kap tal-Kompitu; Nicola Berloco, Balazs Kaszap, Alina Milasiute, Thomas Haellstroem u Nikolaos Zompolas, Awdituri.



Mix-xellug għal-lemin: A. Milasiute, N. Berloco, I. S. Fazakas, M. Baranyi, D. Wernerus, T. Haellstroem.

Paragrafu

Abbrevjazzjonijiet u akronimi

I-XII **Sommarju eżekuttiv**

1-9 **Introduzzjoni**

10-14 **Ambitu u approċċ tal-awditjar**

15-64 **Osservazzjonijiet**

15-40 **Parti I — Il-Kummissjoni mmaniġġjat tajjeb l-IPA fil-Balkani tal-Punent?**

16-19 Matul l-IPA I, l-oġġettivi mhux dejjem kienu speċifiċi u mhux dejjem setgħu jitkejlu

20-23 Il-programmi u l-proġetti kienu bbażati fuq il-ħtiġijiet, iżda xi valutazzjonijiet li saru mill-benefiċjarji wrew nuqqasijiet konsiderevoli

24-26 Xi drabi, il-proċess ta' assorbiment tal-finanzjament taħt l-IPA xxekkel minn kapaċità amministrattiva dgħajfa

27-29 Il-Kummissjoni ma applikatx kundizzjonijiet stretti b'mod sistematiku

30-37 Ġeneralment, il-Kummissjoni kienet effettiva fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u parzjalment effettiva fis-segwitu tal-evalwazzjonijiet

38-40 Minkejja nuqqasijiet konsiderevoli fil-livell tal-benefiċjarji, il-Kummissjoni appoġġat il-koordinazzjoni tad-donaturi b'mod effettiv

41-64 **Parti II — L-IPA saħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent?**

42 Il-Kummissjoni wasslet b'mod effettiv l-outputs intenzjonati

43-58 L-IPA għall-istat tad-dritt u għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kien parzjalment sostenibbli

59-64 Id-djalogu politiku indirizza l-kapaċità amministrattiva

65-75 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness I — Avvenimenti ewlenin għall-fehim tar-relazzjonijiet bejn I-UE u I-Balkani tal-Punent

Anness II — Kampjun tal-awditjar tal-proġetti nazzjonali taħt I-IPA I

Anness III — Kampjun tal-awditjar tal-programmi reġjonali taħt I-IPA I

Risposta tal-Kummissjoni

Abbrevjazzjonijiet u akronimi

BIRN: Netwerk ta' Rappurtar Investigattiv tal-Balkani

QEA: Qorti Ewropea tal-Awdituri

SEAE: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

QIĠ: Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja

IPA: Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (I: 2007-2013, II: 2014-2020)

DIPP: Dokument Indikattiv ta' Ppjanar Pluriennali

KKR: Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali

ReSPA: Skola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika

MOR: Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati

FSA: Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

SIGMA: Appoġġ għal Titjib fil-Governanza u l-Ġestjoni

UNSCR: Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti

WBIF: Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent

I Mill-2007 sal-2014, l-assistenza finanzjarja mill-UE lill-Balkani tal-Punent permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ammontat għal EUR 5.1 biljun. Hija ġiet allokata fil-kuntest ta' programmi nazzjonali u reġjonali. Bejn wieħed u ieħor kwart tal-finanzjament ta' programmi nazzjonali marru għat-tiġid tal-kapaċità amministrattiva fis-setturi ewlenin li huma l-istat tad-dritt u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Minbarra dan, id-djalogu politiku kkontribwixxa għat-tiġid tal-kapaċità amministrattiva fis-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, li huma l-benefiċjarji legali u finanzjarji tal-IPA.

II Aħna wettaqna valutazzjoni ta' jekk il-ġestjoni, mill-Kummissjoni, tal-IPA fil-Balkani tal-Punent kinitx effettiva u jekk tassew saħħitx il-kapaċità amministrattiva fir-reġjun. Aħna prinċipalment koprejna l-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, iżda ħadna wkoll inkunsiderazzjoni żviluppi taħt il-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid (2014-2020).

III Karatteristika partikolari ta' dan il-metaawditu kienet li aħna prinċipalment ivvalutajna *data* mir-rapporti speċjali preċedenti tagħna u minn evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni. Aħna wettaqna valutazzjoni tal-proċess, kollu kemm hu, ta' programmazzjoni tal-IPA (il-Parti I) u eżaminajna 52 proġett nazzjonali u 3 programmi reġjonali (il-Parti II).

IV Aħna kkonkludejna li l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE kienet effettiva b'mod ġenerali u li l-IPA I saħħaħ sa ċertu punt il-kapaċità amministrattiva fir-reġjun, minkejja n-nuqqasijiet konsiderevoli inerenti tal-awtoritajiet nazzjonali fil-Balkani tal-Punent.

V Fir-rigward tal-ġestjoni mill-Kummissjoni, l-oġettivi tal-IPA I mhux dejjem kienu speċifiċi u mhux dejjem setgħu jit-kejlu. Il-programmi u l-proġetti kienu bbażati fuq il-ħtiġijiet, iżda xi valutazzjonijiet li saru mill-benefiċjarji fis-settur tal-istat tad-dritt urew nuqqasijiet konsiderevoli. L-assorbiment tal-finanzjament taħt l-IPA I ixxekkel minn kapaċità amministrattiva dgħajfa f'xi pajjiżi u, fil-każ tal-implimentazzjoni deċentralizzata, minn rekwiżiti stretti marbutin mal-ġestjoni tal-fondi tal-UE.

VI Taħt l-IPA I, il-Kummissjoni ma applikatx kundizzjonijiet stretti b'mod sistematiku u ma wettqitx segwitu tagħhom. Minkejja xi nuqqasijiet fir-rappurtar, għall-monitoraġġ li hija wettqet u li huwa orjentat lejn ir-riżultati, il-Kummissjoni kienet effettiva fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti taħt l-IPA. Hija kienet ukoll parzjalment effettiva fit-tweġiq ta' segwitu tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet dwar l-IPA. Fl-aħħar nett, minkejja nuqqasijiet konsiderevoli fil-livell tal-benefiċjarji, irnexxielha tappoġġa l-koordinazzjoni tad-donaturi.

VII

Fir-rigward tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent, b'mod ġenerali l-IPA wassal l-outputs li ġew ippjanati kuntrattwalment, u l-appoġġ tiegħu għall-istat tad-dritt u għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kien parzjalment sostenibbli.

VIII

Fil-każ tal-proġetti fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-Kummissjoni ma applikatx il-kundizzjonalità b'mod suffiċjenti u relattivament, ftit li xejn, ġie pprovdut finanzjament taħt l-IPA l fl-oqsma ewlenin tal-istat tad-dritt, bħalma hija l-libertà tal-midja, il-prosekuzzjoni pubblika, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. In-nuqqas ta' rieda politika mill-benefiċjarji biex jirrifurmaw l-istituzzjonijiet, baġit u personal insuffiċjenti, kif ukoll koordinazzjoni fqira wkoll affettwaw is-sostenibbiltà tal-proġetti.

IX

Il-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kummissjoni rnexxielha tittrasforma ħafna outputs tal-proġetti f'riżultati sostenibbli. Għalkemm mhux objettiv espliċitu tal-IPA, hija setgħet tneġġeg aktar lill-benefiċjarji biex jużaw l-IPA bħala għodda ta' taqlim fil-bqija tal-amministrazzjoni pubblika tagħhom.

X

It-titjib tal-kooperazzjoni reġjonali u t-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva fir-reġjun fl-intier tiegħu huma ta' importanza kbira u tneġġew mill-Kummissjoni, notevolment fil-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent. Madankollu, matul il-perjodu awditjat, il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali ma kellux impatt sinifikanti fuq il-post. Għall-Iskola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika (ReSPA), kien kmieni wisq biex jiġi stabbilit jekk din tejbix il-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent.

XI

Id-djalogu politiku fil-Balkani tal-Punent kellu impatt limitat fuq l-istat tad-dritt f'għadd ta' każijiet. Huwa rnexxielu jikseb xi progress fir-rigward tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

XII

Ir-rapport jippreżenta għadd ta' rakkomandazzjonijiet konkreti li jistgħu jitkejlu, kemm biex jittejjeb l-issettjar tal-obiettivi u t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti taħt l-IPA fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll biex jitneġġeg impenn akbar mis-sitt awtoritajiet nazzjonali tal-Balkani tal-Punent lejn it-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva tagħhom.

01

Mill-adeżjoni tal-Kroazja fl-2013 'il hawn, il-politika tat-tkabbir tal-UE fil-Balkani tal-Punent ittrattat sitt pajjiżi: l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo##*, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja (ara l-**Figura 1**).

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

Figura 1 Mappa politika tal-Balkani tal-Punent



* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

02

Wara kriżi ekonomika u politika fis-snin tmenin u ż-żieda fin-nazzjonaliżmu, il-Jugoslavja nqasmet fis-snin disgħin tul il-fruntieri tar-repubbliki tagħha, għall-ewwel f’ħames pajjiżi, li wassal għal kunflitti armati f’bosta minnhom. Aktar tard il-Montenegro (2006) u l-Kosovo (2008) iddikjaraw ukoll l-indipendenza. Fil-każ tal-Albanija, sal-1991 dan il-pajjiż kien dittatorjat komunista kompletament iżolat u kellu jibni l-amministrazzjoni pubblika tiegħu mill-bidu nett. Għalkemm dawn is-sitt pajjiżi Ewropej ġew affettwati storikament minn kunflitti etniċi, politiċi u ekonomiċi serji, huma kollha jaspiraw li jingħaqdu mal-UE, fejn għandhom skop komuni. Tabilħaqq, is-sitt pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent huma *pajjiżi kandidati* jew *pajjiżi kandidati potenzjali* biex jingħaqdu mal-UE (ara t-**Tabella 1** u l-**Kaxxa 1**).

Tabella 1

Status tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fid-dawl tal-adeżjoni mal-UE

	Status ta’ Pajjiż Kandidat (mis-sena)	Status tan-negożjati tal-adeżjoni
L-Albanija	2014	L-ebda negożjati
Il-Bożnija-Herzegovina	<i>Pajjiż kandidat potenzjali</i>	L-ebda negożjati
Il-Kosovo	<i>Pajjiż kandidat potenzjali</i>	L-ebda negożjati
L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	2005	L-ebda negożjati
Il-Montenegro	2010	22 kapitoli miftuħ, 2 magħluqin
Is-Serbja	2012	2 kapitoli miftuħin

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Kaxxa 1

Ningħaqdu mal-UE

Il-prinċipji, il-politiki, il-liġijiet, il-prattiki, l-obbligi u l-oġettivi eżistenti tal-UE spiss issir referenza għalihom bħala l-acquis, fl-istituzzjonijiet tal-UE. Fil-qalba tan-negożjati tal-adeżjoni, l-acquis jikkonsisti f’35 kapitoli differenti ta’ adeżjoni li għandhom jiġu n-negożjati bejn l-UE u kull pajjiż kandidat. Pereżempju, il-Kapitolu Nru 23 ikopri d-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali u l-Kapitolu 24 ikopri l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà.

Il-Konferenzi Intergovernattivi huma l-korpi li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-ftuħ u l-għeluq proviżorju tal-kapitoli, f’konformità ma’ qafas ta’ negożjar maqbul mill-Kunsill. Mill-2012 u l-2014, rispettivament, il-Montenegro u s-Serbja bdew jiltaqgħu f’dawn il-Konferenzi. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni mill-Kunsill dwar it-twaqqif ta’ qafas ta’ negożjar tal-adeżjoni għall-Albanija u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, u għalhekk ma nbdewx Konferenzi Intergovernattivi magħhom. Bħala pajjiżi kandidati potenzjali, il-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo ma kinux eliġibbli biex jibdew negożjati tal-adeżjoni.

03

L-għan tal-UE li tinkorpora dawn il-pajjiżi fl-UE ilu fil-qalba tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent sa mis-sena 2000 (ara l-**Anness I**), Mill-2007 'l hawn, il-Kummissjoni pprovditilhom assistenża finanzjarja permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)¹, kif jidher għall-IPA I fil-**Figura 2**.


04

Fi ħdan kull programm taħt l-IPA, l-UE appoġġat diversi setturi, bħall-istat tad-dritt², ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-ambjent, it-trasport, l-iżvilupp rurali u l-iżvilupp soċjali. Hija appoġġat ukoll programmi transkonfinali u programmi b'ħafna benefiċjarji għas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, bħala reġjun.

- 1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82) u r-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).
- 2 Drittijiet fundamentali, għustizzja u affarijiet interni, inkluża l-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

Figura 2

Allokazzjonijiet taħt l-IPA I għall-Balkani tal-Punent (2007-2013)



Nota: Perċentwali arrotondati.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-31 ta' Diċembru 2015.

Introduzzjoni

05

L-appoġ taħt l-IPA għall-istat tad-dritt fil-pajjiżi beneficijarji kien maħsub biex iġib firxa wiesgħa ta' korpi statali sensittivi, bħal ministeri, aġenziji, forzi tal-pulizija u l-ġudikatura, eqreb għad-drittijiet fundamentali tal-UE u għall-acquis. L-IPA kkontribwixxa wkoll għall-iżgurar ta' abbozzar u adzzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali aħjar.

06

L-appoġ taħt l-IPA għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, inkluża l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, indirizza wkoll oqsma sensittivi bħal reklu ta' għid ibbażat fuq il-mertu u taħriġ ta' kwalità fl-amministrazzjoni pubblika u ċ-ċiklu baġitarju sħiħ, inklużi l-ġbir tat-taxxi, l-ibbaġitjar, l-akkwist, il-kontroll intern tal-finanzi pubbliċi, l-awditjar estern u l-istatistika.

07

Minbarra dan, il-Kummissjoni appoġġat, permezz tat-tfassil ta' programmi reġjonali, l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali bħall-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR), l-Iskola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika (ReSPA), kif ukoll interventi permezz tal-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF). Għalkemm ma kienx l-oġġettiv prinċipali tad-WBIF li jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent, huwa tabilħaqq ikkontribwixxa għalih.

08

Ir-rapporti annwali ta' progress imħejjija mill-Kummissjoni jevalwaw il-progress li sar mill-pajjiżi kandidati u mill-pajjiżi kandidati potenzjali lejn l-adeżjoni mal-UE. B'mod partikolari, fir-rigward tal-Balkani tal-Punent, dawn ir-rapporti semmew il-prevalenza tal-korruzzjoni u tal-kriminalità organizzata u dgħufijiet fir-rigward tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja³. Il-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni f'kull pajjiż permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ u żjarat minn esperti kif ukoll permezz ta' laqgħat ta' djalogu politiku.

09

Id-dokument "Political Guidelines for the next European Commission" (Linji gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss) iddikjara li l-ebda pajjiż mhu se jaderixxi mal-UE qabel l-2020⁴. Madankollu, b'dan il-qafas il-ġdid ta' żmien u minħabba li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent huma diġà sħab strateġikament importanti, il-Kummissjoni għandha l-opportunità li tilħaq oġġettivi strateġiċi fuq terminu twil u ttejjji għal adeżjoni futura mal-UE, mhux biss bħala pajjiżi individwali, iżda wkoll bħala reġjun, fil-qafas ta' proċess armonizzat u ta' approċċ reġjonali kkoordinat⁵.

- 3 Ara r-rapporti ta' progress dwar l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, 2012-2015.
- 4 Id-diskors ta' ftuħ mill-kandidat għall-Presidenza Juncker fis-sessjoni ta' ftuħ tal-Parlament Ewropew, il-15 ta' Lulju 2014, il-paragrafu 9.
- 5 Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni, 15356/15, il-15 ta' Diċembru 2015.

10

B'kont meħud tas-sejbiet ta' rapporti speċjali preċedenti, l-oġettiv tagħna kien li nwettqu valutazzjoni ta' jekk il-Kummissjoni kkontribwietx għat-tiġid tal-kapaċità amministrattiva fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent permezz tal-programm taħt l-IPA. Aħna indirizzajna żewġ mistoqsijiet prinċipali:

- (a) Il-Kummissjoni mmaniġġjat tajjeb l-IPA fil-Balkani tal-Punent?
- (b) L-IPA saħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent?

11

L-ambitu tagħna kien il-perjodu 2007-2013 (IPA I), iżda aħna ħadna inkunsid-erazzjoni wkoll l-ewwel stadji tal-perjodu 2014-2020 (IPA II). Aħna ffukajna fuq żewġ setturi li kienu rilevanti għat-tiġid tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent:

- (a) I-istat tad-dritt (drittijiet fundamentali, ġustizzja u affarijiet interni), b'enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata; u
- (b) ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, inkluża l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

12

Kif jidher fit-**Tabella 2**, minn proġetti fil-qasam tal-istat tad-dritt u f'dak tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, li jammontaw għal EUR 902 miljun, aħna eżaminajna 52 proġett li jammontaw għal total ta' EUR 109 miljun ikkuntrattati (12 %)⁶. Minn total ta' EUR 1.16-il biljun fi programmi reġjonali, aħna eżaminajna tlieta minnhom li jammontaw għal total ta' EUR 330 miljun ikkuntrattati (28 %)⁷.

6 L-**Anness II** fiha il-lista sħiħa ta' dawn il-proġetti awditjati.

7 L-**Anness III** jelenka dawn il-programmi.

Tabella 2

L-IPA (2007-2013) għall-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent

Programmi taħt l-IPA għall-kapaċità amministrattiva fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent	Ammonti kkontrattati		Perċentwal awditjat	Għadd ta' proġetti/programmi awditjati
	Total	Awditjati		
Programmi nazzjonali, proġetti fil-qasam tal-istat tad-dritt	485	60	12 %	29
Programmi nazzjonali, proġetti fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika	417	49	12 %	23
TOTAL	902	109	12 %	52
Programmi reġjonali	1 160	330	28 %	3
TOTAL KUMPLESSIV	2 062	439	21 %	

Nota: Ammonti f'miljun EUR; perċentwali arrotondati.

Sors: II-QEA, ibbażat fuq id-data tal-Kummissjoni Ewropea, it-30 ta' Ġunju 2015.

13

Parti importanti minn xaħamna kienet il-valutazzjoni ta' x'kienu kisbu l-programmi u l-proġetti tal-UE f'dak li jirrigwarda r-riżultati kif iddefinit fir-regolament li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna⁸.

14

Bħala parti mill-approċċ tagħna ta' metaawditu, aħna l-ewwel nett analizzajna sensjela ta' rapporti speċjali tal-QEA u r-rapporti ta' evalwazzjoni, imħejjija mill-Kummissjoni, li kienu relatati mar-reġjun tal-Balkani tal-Punent (ara t-**Tabella 3**). Filwaqt li ħadna inkunsiderazzjoni l-ambitu tal-awditjar tal-metaawditu u r-rapporti analizzati, aħna mbagħad identifikajna lakuni tal-awditjar, li wasslu għat-tweqqig ta' ammont sostanzjali ta' xogħol addizzjonali tal-awditjar bejn Marzu u Diċembru 2015. Dan ix-xogħol addizzjonali tal-awditjar kien jinkludi analiżi fl-uffiċċju tar-rapporti ta' progress, ir-rapporti ta' monitoraġġ, ir-rapporti mill-esperti u r-rapporti tal-laqqgħat, imħejjija mill-Kummissjoni, u intervisti tal-persunal tal-Kummissjoni, tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), tad-delegazzjonijiet tal-UE, tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fil-Balkani tal-Punent u tal-KKR.

8 Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna, il-premessa 12 fil-preambolu u l-Artikolu 12 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

Tabella 3

Rapporti preċedenti tal-awditjar u ta' evalwazzjoni użati

Sorsi	Referenzi tad-dokumenti
RAPPORTI SPEĊJALI TAL-QEA	<p>Nru 20/2016 Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Montenegro: sar progress iżda jeħtieġ li jinkisbu riżultati aħjar f'bosta oqsma ewlenin</p> <p>Nru 11/2016 Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: progress limitat f'kuntest diffiċli</p> <p>Nru 19/2014 L-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni tal-UE lis-Serbja</p> <p>Nru 18/2014 Sistemi ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati, tal-EuropeAid</p> <p>Nru 18/2012 L-Assistenza tal-Unjoni Ewropea lill-Kosovo relatata mal-istat tad-dritt</p> <p>Nru 14/2011 L-Assistenza tal-UE tejbet il-kapaċità tal-Kroazja fir-rigward tal-ġestjoni tal-finanzjament wara l-adeżjoni?</p> <p>Nru 12/2009 L-effettività tal-proġetti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għall-Balkani tal-Punent</p> <p>Nru 5/2007 L-immaniġġjar tal-Kummissjoni tal-programm CARDS</p>
EWALWAZZJONIJIET	<p>IPA support for the fight against corruption (L-appoġġ taħt l-IPA għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni), Awwissu 2015</p> <p>The principles of public administration, SIGMA baseline measurements (Il-prinċipji tal-amministrazzjoni pubblika, il-kejl tal-linja bażi tas-SIGMA) (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja), April 2015</p> <p>Meta-evaluation of IPA assistance (Metaevalwazzjoni tal-assistenza taħt l-IPA), Settembru 2013</p> <p>L-IPA — Interim evaluation and meta-evaluation of IPA assistance, evaluation of multi-beneficiary programmes (Evalwazzjoni <i>interim</i> u metaevalwazzjoni tal-assistenza taħt l-IPA, evalwazzjoni tal-programmi b'ħafna benefiċjarji), Ġunju 2013</p> <p>Rule of Law, judicial reform and the fight against corruption and organised crime in the Western Balkans (L-istat tad-Dritt, ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent), Frar 2013</p>

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Parti I — Il-Kummissjoni mmaniġġjat tajjeb l-IPA fil-Balkani tal-Punent?

15

Aħna wettaqna valutazzjoni tal-ġestjoni, mill-Kummissjoni, tal-IPA fiċ-ċiklu ta' programmazzjoni kollu tal-istrument u fuq il-bażi tal-kriterji tal-awditjar li ġejjin:

- L-IPA kellu objettivi speċifiċi u li setgħu jitkejlu?
- Il-programmi u l-proġetti kienu bbażati fuq ħtiġijiet ċari?
- L-assistenza tħallset tassew (assorbiment)?
- Ġew applikati kundizzjonijiet stretti għall-assistenza (kundizzjonalità)?
- L-implimentazzjoni ġiet immonitorjata u r-riżultati ġew evalwati b'mod effettiv?
- L-assistenza tad-donaturi ġiet ikkoordinata b'mod effettiv?

Matul l-IPA I, l-objettivi mhux dejjem kienu speċifiċi u mhux dejjem setgħu jitkejlu

16

Ir-Regolament Finanzjarju tal-UE jistipula li l-objettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu jridu jiġu stabbiliti għas-setturi kollha tal-attivitajiet koperti bil-baġit⁹. Ir-regolamenti dwar l-IPA¹⁰ u d-dokumenti indikattivi ta' ppjanar pluriennali (DIPP) tal-Kummissjoni kollha indirizzaw l-importanza tal-istat tad-dritt, u tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, fil-Balkani tal-Punent.

Il-programmi nazzjonali spiss kellhom objettivi ġenerali

17

Matul l-IPA I, l-objettivi kienu tant ġenerali fl-ambitu li spiss ma kinux speċifiċi u ma setgħux jitkejlu permezz ta' miri speċifiċi¹¹. Madankollu, fil-każ tal-Montenegro u s-Serbja, li n-negozjati tal-adeżjoni tagħhom bdew fl-2012 u fl-2014 rispettivament, il-Kummissjoni ddefiniet objettivi fil-qasam tal-istat tad-dritt li kienu ċari u li setgħu jitkejlu u li, jekk ma jintlaħqux, jistgħu jimblukaw in-negozjati għat-tkabbir¹².

- Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 kif implimentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 u r-Regolament (UE) Nru 231/2014 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2014 tat-2 ta' Mejju 2014.
- Analiżi mill-QEA tal-ftehimiet ta' sħubija Ewropej, tal-FSA, tad-DG Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir, tar-Rapporti Annwali tal-Attività (2013, 2014). Il-metaevalwazzjoni tal-assistenza taħt l-IPA (Settembru 2013, p. 20) semmiet objettivi ġenerali li ma kienx fihom spiss miri li jistgħu jitkejlu sufficjement.
- Il-Pjan ta' Ġestjoni 2015, id-DG Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir, p. 4 u p. 18; COM(2012) 600 finali tal-10 ta' Ottubru 2012 "L-Istrateġija tat-tkabbir u l-isfidi ewlenin 2012-2013", p. 4.

18

Barra minn hekk, mill-2010 'l hawn, il-Kummissjoni mxiet mill-għoti ta' appoġġ a' proġetti fil-biċċa l-kbira individwali, għal approċċ ibbażat fuq is-setturi li hu aktar ċar u li aktar jista' jitkejjel¹³, li taħtu l-programmi u l-proġetti jaqblu b'mod ċar mal; strateġiji li huma bbażati fuq is-setturi. Il-Kummissjoni ppjanat li tapp-likompletament l-approċċ ibbażat fuq is-setturi matul l-implimentazzjoni tal-IPA II¹⁴.

Ġeneralment, il-programmi reġjonali kellhom objettivi speċifiċi u li setgħu jitkejjlu

19

Ġeneralment, l-objettivi tal-programmi reġjonali li eżaminajna kienu speċifiċi u kienu jinkludu miri li setgħu jitkejjlu. Fid-dawl tal-istorja ta' kunflitt fost il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, il-programmi reġjonali ġeneralment kellhom objettiv espliċitu ta' integrazzjoni reġjonali li kien jaqbel mal-objettivi tal-IPA, li kienu l-appoġġ tar-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kunflitt, il-bini tal-kunfidenza (fiduċja) u r-rikostruzzjoni¹⁵ (ara l-**Kaxxa 2**).

- 13 KUMM(2011) 666 finali tat-12 ta' Ottubru 2011 "Strateġija ta' Tkabbir u Sfidi Ewlenin 2011-2012", p. 20.
- 14 Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), dokument indikattiv ta' strateġija għal ħafna pajjiżi (it-30 ta' Ġunju 2015) u d-dokumenti indikattivi ta' strateġija għall-Albanija u għall-Montenegro (it-18 ta' Awwissu 2014), għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (id-19 ta' Awwissu 2014), għall-Kosovo (l-20 ta' Awwissu 2014) u għall-Bożnija-Herzegovina (il-15 ta' Diċembru 2014).
- 15 Il-premessa 13 fil-preambolu u l-Artikolu 2(g) għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006.

Kaxxa 2

Il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF)

Id-WBIF kellu b'mod ċar l-għan li jipprovdi finanzi u assistenza teknika għal investimenti strateġiċi u l-objettivi tiegħu setgħu jitkejjlu permezz ta' indikaturi ċari (eż. għadd ta' applikazzjonijiet għall-proġetti, assistenza teknika mħallsa, finanzjament mogħti)¹⁶.

¹⁶ <https://www.wbif.eu/>.

Il-programmi u l-proġetti kienu bbażati fuq il-ħtiġijiet, iżda xi valutazzjonijiet li saru mill-benefiċjarji wrew nuqqasijiet konsiderevoli

20

Matul il-programmazzjoni tal-IPA I, il-Kummissjoni abbozzat dokumenti ta' pp-janar (DIPP), li identifikaw setturi ewlenin għall-appoġġ taħt l-IPA. L-awtoritajiet nazzjonali pproduċew il-valutazzjonijiet proprji tagħhom tal-ħtiġijiet, taħt l-inizjattiva proprja tagħhom jew inkella bi thegħiġ mill-Kummissjoni.

Valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet fil-livell tal-Kummissjoni

21

Ġeneralment id-DIPP kienu bbażati fuq il-prijoritajiet identifikati fir-rapporti ta' progress u fis-sħubiji għall-adeżjoni. Huma ma kinux ibbażati fuq valutazzjonijiet tal-linja bażi li l-pajjiżi beneficijarji użaw għall-valutazzjoni tal-kapaċità amministrattiva f'setturi differenti (eż. l-istat tad-dritt) u lanqas ma qiesu r-rieda politika reali mill-pajjiżi għal riforma. Fil-livell tal-proġetti, il-proġetti eżaminati kienu bbażati b'mod ċar fuq ħtiġijiet identifikati mill-Kummissjoni u maqbuli mal-pajjiżi beneficijarji.

22

Matul il-programmazzjoni tal-IPA II, fil-livell tal-pajjiżi, id-dokumenti ta' strateġija indikattivi (2014-2020) issostitwew id-dokumenti ta' ppjanar tal-IPA I. Huma taw aktar attenzjoni għall-kapaċità tal-benefiċjarji li jimpenjaw lilhom infushom għal riforma tas-setturi fil-livell politiku u li jimmaniġġjaw il-finanzjament mogħti taħt l-IPA.

Valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet fil-livell tal-benefiċjarji

23

Filwaqt li l-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent kellhom strateġija nazzjonali komprensiva b'valutazzjoni tal-ħtiġijiet li tindirizza s-settur tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, dan ma kienx il-każ għall-istat tad-dritt fl-Albanija u fil-Kosovo. Fil-Bożnija-Ħerzegovina, l-istrateġija ta' riforma tal-ġustizzja għet adottata tard ħafna (ara l-**Kaxxa 3**).

Kaxxa 3

L-istrateġija ta' riforma tal-ġustizzja għall-2014-2018 fil-Bożnija-Ħerzegovina

L-adozzjoni ta' din l-istrateġija kienet parti mid-djalogu ta' politika tal-UE mal-awtoritajiet nazzjonali, notevolment permezz ta' djalogu strutturat dwar il-ġustizzja. L-istrateġija ta' riforma tal-ġustizzja għet adottata biss fl-2015, billi ddewmet minħabba diverġenzi politiċi fost l-awtoritajiet fil-Bożnija-Ħerzegovina. B'mod partikolari, ir-Repubblika Srpska (ara l-*Figura 3*) b'mod sistematiku kkontestat il-ħtiġijiet ivvalutati mill-Kummissjoni taħt l-IPA. Dan immina r-rilevanza tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet nazzjonali, partikolarment fil-każ ta' proġetti li kellhom l-għan li jrawmu l-koordinazzjoni bejn attivitajiet ta' kontra l-korruzzjoni, korpi tal-pulizija u awtoritajiet pubbliċi lokali.

Figura 3

Mappa politika tal-Bożnija-Herzegovina



0 25 50 75 100 km

— Inter-entity boundary line

Administrative boundaries: © EuroGeographics, GADM (Bosnian Inter-entity boundary line
Cartography: Eurostat — GISCO, 01/2016

Sors: L-Eurostat.


Xi drabi, il-proċess ta' assorbiment tal-finanzjament taħt I-IPA xxekkel minn kapaċità amministrattiva dgħajfa

24

F'xi pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, kien diffiċli li jsiru pagamenti fuq ammonti kkuntrattati taħt I-IPA I (ara l-**Figura 4**), prinċipalment minħabba kapaċitajiet amministrattivi dgħajfin.

Figura 4

Assorbiment bħala perċentwal tal-allokkazzjonijiet li għad iridu jiġu kkuntrattati u bħala perċentwal tal-ammonti kkuntrattati li għad iridu jitħallsu, I-IPA I (2007-2013)



Sors: Kalkolu mill-QEA, ibbażat fuq id-data tal-Kummissjoni, il-31 ta' Diċembru 2015.

25

Abbażi ta' eżaminar ta' strutturi operattivi differenti tal-IPA fil-Balkani tal-Punent, dan jista' jiġi spjegat parzjalment mill-fatt li l-Kummissjoni ddeċentralizzat partijiet sinifikanti mill-ġestjoni tal-IPA lill-awtoritajiet nazzjonali¹⁷. Kif osservajna fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fis-Serbja (ara l-**Kaxxa 4**) kif ukoll fl-Albanija, dan kien jirrikjedi perjodu ta' taġħlim u struttura ta' ġestjoni aktar eżiġenti¹⁸.

- 17 Mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem, it-terminu "ġestjoni deċentralizzata" ġie sostitwit b'"ġestjoni indiretta minn pajjiżi terzi".
- 18 Fost rekwiżiti oħra, il-ġestjoni deċentralizzata kienet timplika l-akkreditazzjoni ta' uffiċjal awtorizzanti nazzjonali, l-istabbiliment ta' struttura operattiva tal-IPA u ta' awtorità tal-awditjar, kif ukoll kontroll *ex ante* mid-Delegazzjoni tal-UE fuq il-proġetti deċentralizzati kollha taħt l-IPA. Ara l-Artikoli 11 sa 31 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimentar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) (ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1).

Kaxxa 4

L-esperjenza tad-deċentralizzazzjoni tal-ġestjoni taħt l-IPA I

L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Il-Kummissjoni ddeċentralizzat il-ġestjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju¹⁹ r-regolamenti dwar l-IPA I, iżda dawn ir-regolamenti ma kinux jirrikjedu li hija twettaq valutazzjoni ta' jekk l-awtoritajiet nazzjonali kinux lesti li jimmaniġġjaw il-volum u l-komplessità tal-fondi li kellhom jiġu decentralizzati²⁰. Wara d-deċentralizzazzjoni, l-amministrazzjoni nazzjonali sabitha diffiċli li tirrispetta d-dati ta' skadenza u li tippreżenta dokumenti kontraenti ta' kwalità adegwata. F'ħafna każijiet, dan irriżulta fit-telf ta' proġetti maħsuba għall-finanzjament ta' riformi ewlenin, u aktar telfiet huma mistennija²¹.

Is-Serbja

L-istabbiliment ta' awtorità tal-awditjar u tal-korp operazzjonali għall-immaniġġjar ta' proġetti taħt l-IPA ġie affettwat minn dgħufijiet serji li ilhom jeżistu, li ġew identifikati mill-awditi proprji tal-Kummissjoni. Il-ġestjoni deċentralizzata ma kinitx marbuta ma' valutazzjoni komprensiva preliminari tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-livell tal-pajjiż²², iżda kienet ibbażata biss fuq il-konformità tal-istrutturi tal-IPA tas-Serbja mar-rekwiżiti tal-kontroll intern stipulati fir-Regolament Finanzjarju²³.

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), kif emendat minn żmien għal żmien.

20 Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2016 tal-QEA "Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: progress limitat f'kuntest diffiċli" il-paragrafu 47 (<http://eca.europa.eu>).

21 Ibid., il-paragrafi 48 u 50.

22 Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2014 tal-QEA "L-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni tal-UE lis-Serbja", il-paragrafu 79 (<http://eca.europa.eu>).

23 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

26

Taħt l-IPA II (2014-2020) qed jitpoġġa aktar fokus fuq it-titjib fis-sistemi ta' ġestjoni, fl-intier tagħhom, tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi. Madankollu, il-programmi taħt l-IPA II ġew adottati biss fit-tmiem nett tal-2014, minħabba dewmien fil-qafas u l-proċeduri leġiżlattivi l-ġodda tal-IPA. L-ikkuntrattar u l-pagamenti iddewmu aktar mill-proċeduri ta' ratifika tal-pajjiżi beneficijarji. B'riżultat ta' dan, fiż-żmien tal-awditu kien kmieni wisq li jsiru kummenti dwar ammonti kkuntrattati u ammonti mħallsa taħt l-IPA II.

Il-Kummissjoni ma applikatx kundizzjonijiet stretti b'mod sistematiku

27

L-istrateġiji suċċessivi tat-tkabbir, tal-Kummissjoni, ripetutament semmew il-"kundizzjonalità stretta"²⁴ iżda mingħajr ma ddefinew it-terminu speċifikament. Il-kundizzjonalità hija l-prinċipju tal-issettjar ta' ċerti kundizzjonijiet qabel l-ikkuntrattar jew il-pagament, kemm jekk fil-livell politiku, fil-livell tal-programmi jew fil-livell tal-proġetti. Jekk beneficijarju ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet predefiniti, il-Kummissjoni tista' tiegħu azzjoni, bħas-sospensjoni ta' pagament għal programm kollu kemm hu, it-tnaqqis ta' assistenza futura jew il-kanċellazzjoni ta' proġett.

28

Fil-livell tal-programmi, il-Kummissjoni applikat biss kundizzjonijiet stretti fi ftit li xejn każijiet, notevolment fil-Bożnija-Ħerzegovina (ara l-**Kaxxa 5**) u fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja²⁵.

24 Skont l-istrateġija tat-tkabbir 2011-12 tal-Kummissjoni, "l-impenn, il-kundizzjonalità u l-kredibbiltà tpoġġew fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni u tas-suċċess tiegħu" (p. 2) u l-kundizzjonalità tkun rigoruża, eżiġenti u stretta (p. 18 u p. 23). L-istrateġija tat-tkabbir 2012-13 tagħha semmiet il-kundizzjonalità stretta (p. 2, p. 3, p. 16 u p. 22), kif ukoll l-istrateġija tat-tkabbir 2014 tagħha (p. 2 u p. 19) u l-istrateġija tat-tkabbir 2015 tagħha (p. 12).

25 Sospensjoni tal-pagamenti, kif previst taħt l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007.

Kaxxa 5

Kundizzjonalità stretta fil-livell tal-programmi, Ġustizzja fil-Bożnija-Ħerzegovina

Fl-2013, fil-Bożnija-Ħerzegovina waqaf il-proċess ta' integrazzjoni fl-UE. Ir-rappreżentanti politiċi tal-pajjiż deheru li ma setgħux jew ma ridux jilħqu l-kunsens meħtieġ biex jimxu 'l quddiem fit-triq ta' qabel l-adeżjoni. Eżempju ta' dan kien l-inabbiltà u jew in-nuqqas ta' rieda politika mill-pajjiż biex jinforza sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem²⁶. Dan wassal biex il-Kummissjoni tapplika l-kundizzjonalità billi tnaqqas l-allokazzjoni tal-2013 taħt l-IPA I b'EUR 45 miljun u timponi aktar tnaqqis tal-allokazzjonijiet taħt l-IPA II²⁷. Meta l-Bożnija-Ħerzegovina naqset milli tadotta strateġija kumplessiva ġdida ta' riforma tas-settur tal-ġustizzja, li ġiet approvata mill-erba' entitajiet kostituzzjonali kollha kemm huma, inkluża r-Repubblika Srpska (ara l-mappa fil-Figura 3), il-Kummissjoni ssospendiet l-appoġġ baġitarju li kien għadu għaddej fil-qasam tal-ġustizzja.

26 Fil-każ ta' *Sejdić and Finci vs Bosnia and Herzegovina* (Sejdić u Finci kontra il-Bożnija-Ħerzegovina) (Diċembru 2009), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li l-Bożnija-Ħerzegovina kienet kisret id-dritt tar-rikorrenti li jiġu eletti sempliċement minħabba li kienu jappartjenu għal minoritajiet etniċi.

27 Mill-2014 sal-2017, EUR 165 miljun ġew allokati għal dak il-pajjiż, meta mqabbla ma' EUR 331 miljun mill-2007 sal-2010.

29

Fil-livell tal-proġetti, il-Kummissjoni ma applikatx kundizzjonijiet stretti b'mod sistematiku, kif jintwera mill-eżempji mogħtija fil-**Kaxxa 6**. Għalkemm fl-2011 il-QEA kienet irrakkomandat li tingħata aktar attenzjoni biex jiġi żgurat li l-proposti għall-proġetti fil-pajjiżi l-oħra ta' qabel l-adeżjoni jkunu avvanzati biżżejjed biex jiġu implimentati²⁸, dan mhux dejjem ġie żgurat mill-Kummissjoni. Dan affettwa l-prestazzjoni tal-proġetti f'bosta pajjiżi²⁹.

28 Ir-Rapport Speċjali Nru 14/2011 tal-QEA "L-Assistenza tal-UE tejbet il-kapaċità tal-Kroazja fir-rigward tal-ġestjoni tal-finanzjament wara l-adeżjoni?", il-paragrafu 53 (<http://eca.europa.eu>).

29 Ara l-evalwazzjoni dwar l-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent, Frar 2013, p. 240.

Kaxxa 6

Ma ġietx applikata kundizzjonalità stretta matul l-IPA I

L-Albanija

Għal 7 mill-15-il proġett awditjat, il-Kummissjoni ma ssettjatx kundizzjonijiet stretti fl-istadju tal-ikkuntrattar³⁰ u qabel ma wettqet il-pagamenti. Dan ma kienx biss il-każ għal proġetti kkaratterizzati minn objettivi kumplessi (bħat-tiżni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni), iżda wkoll għal dawk li jimmiraw lejn riżultati relattivament sempliċi, bħall-proġett tal-Palazz tal-Ġustizzja ta' Tirana (ara l-**Anness II**, il-proġett 10). Għal dan il-proġett, ma kienx hemm il-permessi meħtieġa u l-irregolaritajiet allegati dwar is-sjeda tal-art ikkawżaw aktar diffikultajiet. Wara n-negozjar mal-Ministeru tal-Ġustizzja għal erba' snin u nofs, il-Kummissjoni kkanċellat il-proġett u rrialokat parti mill-finanzjament għal miżuri li ma kinux relatati mas-settur tal-istat tad-dritt.

Is-Serbja

Il-Kummissjoni tat attenzjoni inadegwata għall-kundizzjonalità, għas-sekwenzjar fit-tfassil tal-proġetti u għall-inkonsistenzi legali. Dan ta' sikwit hedded l-implimentazzjoni bla xkiel u f'waqtha tal-proġetti³¹. Wara l-2012, il-proposti għall-proġetti xi drabi ġew posposti jew skalati 'l isfel minħabba permessi neqsin jew għaliex ma ġewx ippreżentati ppreżentati l-istudji meħtieġa ta' fattibbiltà.

30 Ara l-**Anness II**, il-proġetti Nri 2, 3, 4, 5, 9 u 10 fil-qasam tal-istat tad-dritt u l-proġett Nru 2 fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, tal-Albanija.

31 Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2014 tal-QEA "L-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni tal-UE lis-Serbja", il-Kaxxa 5 u l-paragrafi 27 u 31 (<http://eca.europa.eu>).

Ġeneralment, il-Kummissjoni kienet effettiva fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u parzjalment effettiva fis-segwitu tal-evalwazzjonijiet

30

Il-Kummissjoni mmonitorjat ir-riformi settorjali u l-implimentazzjoni tal-proġetti kemm direttament kif ukoll permezz tas-sitt delegazzjonijiet tal-UE fil-Balkani tal-Punent. L-ogħla livell ta' monitoraġġ seħħ fil-laqqgħat, ta' darbtejn fis-sena, tal-kumitat konġunt ta' monitoraġġ u, b'mod aktar regolari, fil-kumitati settorjali ta' monitoraġġ. Id-delegazzjonijiet tal-UE wkoll immonitorjaw l-implimentazzjoni fuq il-post.

31

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjonijiet settorjali u evalwazzjonijiet tematiċi bħala parti miċ-ċiklu tagħha ta' evalwazzjoni. Ikun tajjeb li dawn ma jiġux konfużi mar-rapporti annwali ta' progress dwar il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, li huma l-valutazzjonijiet politiċi uffiċjali mwettqa mill-Kummissjoni ta' dawn il-pajjiżi.

Ġeneralment, il-Kummissjoni kienet effettiva fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

32

Fis-setturi kollha, il-delegazzjonijiet tal-UE mmonitorjaw il-proġetti taħt l-IPA b'mod effettiv permezz ta':

- (a) kontrolli tal-legalità u r-regolarità bbażati fuq is-sistemi ta' ġestjoni u informazzjoni;
- (b) laqqgħat ta' koordinazzjoni li jinvolvu l-kuntratturi u l-amministrazzjonijiet benefiċjarji, inklużi żjarat fuq il-post;
- (c) ir-rapporti annwali tal-Uffiċjal Awtorizzanti b'Sottodelega;
- (d) laqqgħat tal-kumitati konġunti ta' monitoraġġ u tal-kumitati settorjali ta' monitoraġġ;
- (e) għal proġetti aktar riskjużi, tabelli ta' monitoraġġ interni ta' kull tliet xhur.

33

Il-Kummissjoni mmonitorjat b'mod effettiv l-implimentazzjoni tal-IPA u t-twassil tal-outputs³². Minbarra l-għodod ta' monitoraġġ ta' hawn fuq, ir-rapporti dwar il-monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (MOR) segwew metodoloġija standard tal-Kummissjoni u fil-biċċa l-kbira ttraċċaw ir-riżultati ta' proġetti li kienu għadhom għaddejnin. Madankollu, l-aproċċ MOR wera tliet nuqqasijiet importanti.

32 It-tim tal-awditjar għabar evidenza f'dan ir-rigward mid-delegazzjonijiet tal-UE fl-Albanija, fil-Bożnija-Herzegovina u fis-Serbja.

34

L-ewwel nett, billi għadd konsiderevoli tal-proġetti taħt l-IPA li vvalutajna kienu jinvolvu kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 1 000 000, huma kienu taħt is-soll għar-rapporti dwar il-MOR. B'riżultat ta' dan, mhux il-proġetti politikament sensitivi kollha kienu suġġetti għal monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati. It-tieni nett, l-ebda wieħed mir-rapporti vvalutati ma kejjel il-konformità mal-kundizzjonalità. It-tielet nett, in-nuqqas ta' monitoraġġ *ex post* tal-proġetti³³ kien ifisser li s-sostenibbiltà tal-proġetti ma setgħetx titkejjel.

Il-Kummissjoni kienet parzjalment effettiva fis-segwitu tal-evalwazzjonijiet

35

Fir-rigward tal-istat tad-dritt, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni transsettorjali komprensiva tal-IPA fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll żewġ evalwazzjonijiet tematiċi tal-proġetti taħt l-IPA li jirrigwardaw l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni rispettivament³⁴. B'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-Kummissjoni ta' Venezja³⁵, il-Kummissjoni sponsorjat għadd kbir ta' rapporti ta' żjarat minn esperti, dwar il-ġudikatura li ġibdu l-attenzjoni għall-fatt, pereżempju, li kien għad ma hemmx rekords għal kundanni penali li ġew infurzati.

36

Minkejja dan, il-Kummissjoni ma ħaditx vantaġġ mill-evalwazzjonijiet pro-priji tagħha jew mir-rapporti ta' żjarat minn esperti, biex tagħmel użu akbar mill-kundizzjonalità. Hija ma aġġustatx l-indikaturi tar-rapporti dwar il-MOR għall-proġetti fil-qasam tal-istat tad-dritt, li kellhom it-tendenza li jiffukaw fuq l-indikaturi tal-output għal proġetti li kienu għadhom għaddejjin. Tabilħaqq, il-Kummissjoni ddikjarat li spiss kien hemm nuqqas ta' segwitu tal-proġetti fis-settur tal-istat tad-dritt tal-IPA.

37

Fir-rigward tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kummissjoni ma wettqitx evalwazzjoni komprensiva tal-appoġġ taħt l-IPA, iżda xi evalwazzjonijiet tabilħaqq koprew għadd limitat ta' proġetti taħt l-IPA f'dak il-qasam.

- 33 Thematic evaluation of the rule of law, judicial reform and the fight against corruption and organised crime in the Western Balkans – Lot 3, Final Main Report (Evalwazzjoni tematika tal-istat tad-dritt, tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent – il-Lott 3, ir-Rapport Principali Finali), Frar 2013, p. 60.
- 34 Meta-evaluation of IPA assistance and evaluation of multi-beneficiary programmes (Metaevalwazzjoni tal-assistenza taħt l-IPA u evalwazzjoni tal-programmi b'ħafna benefiċjarji), Settembru 2013. Thematic evaluation of the rule of law, judicial reform and the fight against corruption and organised crime in the Western Balkans – Lot 3, Final Main Report (Evalwazzjoni tematika tal-istat tad-dritt, tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent – il-Lott 3, ir-Rapport Principali Finali), Frar 2013. Thematic evaluation on IPA support for the fight against corruption (Evalwazzjoni tematika dwar l-appoġġ taħt l-IPA għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni), ir-rapport principali finali, Awwissu 2015.
- 35 Il-“Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt” hija bbażata f'Venezja, l-Italja, u fost attivitajiet oħra, tipprovdi parir legali lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari, billi tgħinhom iġibu l-ġurisdizzjonijiet tagħhom f'konformità mal-istandards Ewropej tal-istat tad-dritt (<http://www.venice.coe.int>).

Minkejja nuqqasijiet konsiderevoli fil-livell tal-benefiċjarji, il-Kummissjoni appoġġat il-koordinazzjoni tad-donaturi b'mod effettiv

38

Il-prinċipju ta' donaturi mmexxija mill-pajjiżi huwa stipulat fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna (2005)³⁶. Taħt dan il-prinċipju, li japplika wkoll għall-finanzjament taħt l-IPA, jenħtieġ li kull pajjiż benefiċjarju jissettja miri realistiċi f'għadd żgħir ta' setturi u jevita t-trikkib ta' għajnuna mid-donaturi. Fir-reġjun kollu, il-Kummissjoni appoġġat lill-pajjiżi benefiċjarji b'mod effettiv fir-responsabbiltà tagħhom għat-tmexxija tal-koordinazzjoni tad-donaturi.

Koordinazzjoni tad-donaturi fil-livell reġjonali

39

Il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF) u l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR) huma t-tnejn iffinanzjati mill-programmi reġjonali taħt l-IPA. Fost l-oġġettivi tagħhom, huma kelhom l-għan li jtejjbu l-koordinazzjoni tad-donaturi bejn il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (ara l-**Kaxxa 7**).

36 KUMM(2007) 72 finali tat-28 ta' Frar 2007 "Kodiċi ta' Mgħiba tal-UE dwar it-tqassim tax-xogħol fil-Politika tal-Iżvilupp".

Koordinazzjoni reġjonali tad-donaturi fil-Balkani tal-Punent

WBIF

Fil-kuntest tal-proġetti ta' infrastruttura tad-WBIF, ir-repurtorju uniku ta' proġetti ta' infrastruttura ppreżentat mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kollha f'Diċembru 2015 iffaċilita l-proċess ta' evalwazzjoni u għażla tal-proġetti.

KKR

Wieħed mill-oġġettivi tal-KKR kien li tiġi pprovduta "perspettiva reġjonali" fl-assistenza tad-donaturi³⁷. Ħlief għal laqgħa waħda li saret fl-2015, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ma użawx il-KKR għal skopijiet ta' koordinazzjoni tad-donaturi.

37 <http://rcc.int/pages/2/overview>. Ara l-istatuti tal-KKR.

Koordinazzjoni tad-donaturi fil-livell tal-benefiċjarji

40

Il-koordinazzjoni tad-donaturi mill-pajjiżi benefiċjarji kienet effettiva fis-Serbja, parzjalment effettiva fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fil-Montenegro u ineffettiva fl-Albanija, fil-Bożnija-Ħerzegovina u fil-Kosovo (ara l-**Kaxxa 8**). Dan kien dovut għal nuqqas ta' tmexxija u ta' kapaċità amministrattiva fi ħdan l-istrutturi nazzjonali responsabbli għall-koordinazzjoni tad-donaturi. Madankollu, aħna osservajna li l-Kummissjoni appoġġat lill-benefiċjarji fl-iżgurar ta' parti mill-koordinazzjoni tad-donaturi.

Kaxxa 8

Koordinazzjoni ineffettiva tad-donaturi fil-livell tal-benefiċjarji

L-Albanija

Aħna eżaminajna l-attivitajiet tad-donaturi mmexxija mid-Dipartiment għall-Programmazzjoni tal-Iżvilupp, għall-Finanzjament u għall-Għajnuna Barranija. Dan ma kellux struttura organizzazzjonali ċara, ma kellux biżżejjed persunal u ma kienx jopera database tad-donaturi. Filwaqt li l-gruppi ta' ħidma fis-settur tad-donaturi kienu ilhom passivi mill-2013, is-Segretarjat Tekniku tad-Donaturi mmexxi mill-Kummissjoni wassal għal komplementarjetà effettiva u għat-tqassim tax-xogħol fost id-donaturi. Abbażi ta' intervisti mal-komunità tad-donaturi (l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Italja, Franza), id-Delegazzjoni tal-UE f'Tirana b'mod ġenerali tfaħħret għall-isforzi tagħha.

Il-Kosovo

Il-mekkaniżmi effettivi ta' koordinazzjoni tad-donaturi ma kinux operazzjonali qabel tmiem l-2011 u, minkejja inizjattivi differenti għall-koordinazzjoni tad-donaturi fi ħdan setturi differenti minn dak iż-żmien 'il hawn, l-UE u donaturi internazzjonali oħra kienu u għadhom qed jappellaw biex l-istituzzjonijiet tal-Kosovo jkollhom rwol aktar attiv fit-tmexxija tal-koordinazzjoni tad-donaturi u fis-segwitu ta' din tal-aħħar fil-livell tekniku³⁸. Dan huwa kkonfermat minn dokumenti interni reċenti tal-Kummissjoni.

38 Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2012 tal-QEA "L-Assistenza tal-Unjoni Ewropea lill-Kosovo relatata mal-istat tad-dritt", il-paragrafi 82 u 86 (<http://eca.europa.eu>).

Parti II — L-IPA saħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent?

41

Mill-2007 'l quddiem, l-IPA kien l-uniku strument ta' finanzjament tal-UE li ġie stabbilit għat-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent. Fis-setturi tal-istat tad-dritt, min-naħa waħda, u tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, min-naħa l-oħra, aħna wettaqna valutazzjoni ta' jekk:

- (a) il-Kummissjoni kinitx wasslet b'mod effettiv l-outputs intenzjonati;
- (b) ir-riżultati tal-IPA lil hinn mill-outputs kinux sostenibbli;
- (c) id-djalogu politiku indirizzax b'mod effettiv it-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva.

Il-Kummissjoni wasslet b'mod effettiv l-outputs intenzjonati

42

Fis-setturi kollha, il-proġetti eżaminati kemm taħt il-programmi nazzjonali kif ukoll taħt il-programmi reġjonali wasslu outputs bi tqabbil ma' dak li ġie pp-janat kuntrattwalment³⁹. Pereżempju, il-ħabs ta' Fier fl-Albanija u s-sistema tat-teknoloġija tal-informatika tal-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli fil-Bożnija-Ħerzegovina twasslu fil-ħin u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt (ara l-**Istampi 1** u **2**).

39 Din l-osservazzjoni hija bbażata fuq il-kampjun tal-awditjar li ġie vvalutat fl-2015 (ara l-**Annex II**). Saret osservazzjoni simili fil-metaevalwazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni, p. 6 (2013).

Stampa 1

Ċelli kkompletati ta' ħabs, proġett ta' kostruzzjoni tal-ħabs, fi Fier, l-Albanija




©Eriton Hasaj, l-2014.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (is-seba' rapport *interim* u finali, p. 33).

Stampa 2

Il-proġett ta' teknoloġija tal-informatika fi ħdan il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli, li jissorvelja l-ġudikatura tal-Bożnija-Ħerzegovina minn Sarajevo



©Il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli tal-Bożnija-Ħerzegovina (HPC BiH).

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (rapport narrattiv finali tal-proġett, p. 23).

L-IPA għall-istat tad-dritt u għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kien parzjalment sostenibbli

Il-proġetti fil-qasam tal-istat tad-dritt kienu parzjalment sostenibbli

43

Il-Kummissjoni nrexxielha biss parzjalment tittrasforma l-outputs tal-proġetti f'riżultati sostenibbli fid-diversi oqsma tas-settur tal-istat tad-dritt li ġew appoġġati mill-IPA (eż. l-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni pubblika, il-qrati, l-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni). Mid-29 proġett fil-qasam tal-istat tad-dritt fil-kampjun tal-awditjar tal-proġetti nazzjonali, 15 kienu insostenibbli⁴⁰. Ir-raġunijiet għalfejn ir-riżultati kienu insostenibbli spiss instabu li kienu fil-livell tal-pajjiżi benefiċjarji u kienu jinkludu baġit u persunal insuffiċjenti, koordinazzjoni fqira u n-nuqqas ta' rieda politika għar-riforma tal-istituzzjonijiet u għat-twettiq ta' segwitu.

44

Għal dawn il-15-il proġett, il-Kummissjoni ma applikatx kundizzjonijiet rilevanti biżżejjed qabel ma awtorizzat il-kuntratti. Il-kuntratti taħt l-IPA setgħu inkludew il-kundizzjoni li jiġu introdotti salvagwardji aħjar fis-settur tar-riforma ġudizzjarja. F'nuqqas ta' dan, il-pagament tal-allokkazzjonijiet annwali taħt l-IPA seta' ġie sospiż sa ma jingħata avviż ieħor.

45

Fil-livell reġjonali, l-"Istrateġija Ewropa tax-Xlokk għall-2020" tal-KKR kienet tinkludi b'mod prominenti l-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni⁴¹. Għalkemm il-KKR qagħad haġna fuq il-finanzjament taħt l-IPA⁴², matul il-perjodu awditjat u fir-rigward tal-istat tad-dritt, aħna ma osservajniex attivitajiet sinifikanti ta' din l-organizzazzjoni internazzjonali tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

L-impatt tal-IPA l fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata kien limitat


46

Mill-1995 'il hawn, Transparency International ikklassifikat il-pajjiżi skont indiċi dinji dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni⁴³ - aktar ma tkun għolja l-klassekazzjoni, aktar ikun għoli l-livell ta' korruzzjoni pperċepita. Il-**Figura 5** turi l-klassekazzjonijiet tas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent matul dawn l-aħħar sitt snin, li kienu jikkorrispondu għall-aħħar parti tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-IPA l u wara dan il-perjodu.

- 40 Ara l-**Annex II**, il-proġetti fil-qasam tal-istat tad-dritt fl-Albanija (in-Nri 2, 3, 4, 5, 9 u 10), fl-Bożnija-Herzegovina (in-Nri 11 u 14), fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (in-Nri 21 u 22), fl-Montenegro (in-Nru 23) u fis-Serbja (in-Nri 25, 26, 27 u 28).
- 41 "South East Europe 2020 Strategy" (L-Istrateġija Ewropa tax-Xlokk għall-2020), il-KKR, p. 31 sa 33.
- 42 Għall-funzjonament amministrattiv tiegħu u għall-implimentazzjoni tal-proġetti tiegħu, il-KKR joqgħod fuq il-finanzjament taħt l-IPA (EUR 14-il miljun li tħallsu mill-2007 sal-2013), billi l-miżati minimi tas-sħubija, ta' kull sena, ta' EUR 50 000 għal kull parteċipant tal-Bord ma koprewx l-ispejjeż kollha tiegħu.
- 43 Transparency International tiddefinixxi l-korruzzjoni bħala l-abbuż tas-setgħa fdata għal gwadann privat; ara <http://www.transparency.org/>. L-indikatur tal-governanza "Kontroll tal-Korruzzjoni" tal-Bank Dinji juri klassifikazzjonijiet komparabbli għas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; ara <http://info.worldbank.org/governance/wgi/>.

Figura 5

Klassifikazzjonijiet skont l-indiċi dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni, għall-Balkani tal-Punent



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq l-indiċi dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni ta' Transparency International (2010-2015).

47

FI-2015, l-indiċi dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni kklassifikat l-Albanija u l-Kosovo fit-88 pożizzjoni u fil-103 pożizzjoni rispettivament, u b'hekk dawn il-pajjiżi tqiegħdu fuq l-istess livell mal-Eġittu u l-Etjopja. L-indiċi kklassifika l-erba' pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Punent bejn is-60 pożizzjoni u t-80 pożizzjoni mill-2010 sal-2015.

48

Ir-rapporti annwali ta' progress, l-istħarriġiet u żewġ evalwazzjonijiet tematiċi indikaw li l-Kummissjoni kienet konxja mill-fatt li l-interferenza politika fix-xogħol tal-ġudikatura kienet mifruxa fil-Balkani tal-Punent, bħalma kienet il-korruzzjoni ta' livell għoli u l-kriminalità organizzata⁴⁴ (ara l-**Kaxxa 9**). Madankollu, fil-Montenegro u s-Serbja, żewġ pajjiżi li magħhom l-UE kienet fetħet negozjati tal-adeżjoni⁴⁵, il-livell tal-istat ta' thejjiġa għar-riforma ġudizzjarja kien aħjar minn dak fl-erba' pajjiżi l-oħra.

44 Ir-Rapporti ta' Progress 2012-2015. L-evalwazzjoni "IPA support for the fight against corruption" (L-appoġġ taht l-IPA għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni), Awwissu 2015. L-evalwazzjoni "Rule of Law, judicial reform and the fight against corruption and organised crime in the Western Balkans" (L-Istat tad-Dritt, ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent), Frar 2013.

45 Ir-Rapport ta' Progress 2015, il-Montenegro, p. 14, p. 15, p. 18 u p. 19. Ir-Rapport ta' Progress 2015, is-Serbja, p. 11, p. 13, p. 14, p. 17 u p. 18.

Interferenza politika, korruzzjoni ta' livell għoli u kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent

L-Albanija

L-indipendenza sħiħa u l-obbligu ta' rendikont tal-imħallfin u tal-prosekuturi ma ġewx garantiti. L-amministrazzjoni bil-mod tal-ġustizzja u deċiżjonijiet ġudizzjarji li mhux dejjem ġew infurzati wasslu għal għadd negliġibbli ta' kundanni finali li effettivament żarmaw l-organizzazzjonijiet kriminali⁴⁶.

Il-Bożnija-Ħerzegovina

L-impenn politiku ma ġiex ikkonkretizzat f'kundanni li ġew infurzati⁴⁷. Pereżempju, fi sħarriġ tal-KKR li sar fl-2015, 90 % tal-wiġġieba li ġew mistħarrġa fil-Bożnija-Ħerzegovina ma qablux mad-dikjarazzjoni li l-gvern tagħhom kien qed jiġġielel il-korruzzjoni b'mod effettiv.

Il-Kosovo

Ħatriet ikkuntestati, mandati mhux ċari u nuqqas konsistenti ta' finanzjament nazzjonali mminaw l-attivitajiet ta' istituzzjonijiet ewlenin inkriġati mill-istat tad-dritt fil-Kosovo. L-investigazzjonijiet f'każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli kienu rari u ma rriżultawx f'kundanni finali. Barra minn hekk, l-involviment taċ-ċittadini tal-Kosovo fil-kriminalità organizzata fir-reġjun hedded l-istabbiltà interetnika reġjonali⁴⁸.

46 Ir-Rapport ta' Progress 2015, l-Albanija, p. 4 u p. 51.

47 Ir-Rapport ta' Progress 2015, il-Bożnija-Ħerzegovina, p. 16.

48 Ir-Rapport ta' Progress 2015, il-Kosovo, p. 12, p. 15, p. 16 u p. 18.

49

Għal skopijiet ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni talbet lil kull pajjiż benefiċjarju jagħtiha tabelli tar-rekords ta' investigazzjoni effettiva, prosekuzzjoni u kundanni finali f'każijiet ġudizzjarji li jinvolvu korruzzjoni ta' livell għoli u kriminalità organizzata. Skont liema pajjiż kien, l-għadd ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u każijiet ta' kriminalità organizzata li seħħew f'dawn il-pajjiżi kien ivarja minn ftit (is-Serbja) sa żero (il-Kosovo), li tabilħaqq jindika nuqqas ta' rieda politika.

50

Skont il-Kummissjoni, in-nuqqas ta' rieda politika ġie spiss rifless fir-riżorsi finanzjarji u umani insuffiċjenti li ġew allokat lill-istituzzjonijiet rilevanti, u dan illimita l-ambizzjoni u l-kapaċità ta' assorbiment tal-IPA. Iż-żewġ eżempji mogħtija fil-**Kaxxa 10** juru li l-impatt tal-proġetti taħt l-IPA l fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata kien biss limitat.

Kaxxa 10

Riżultati tal-proġetti taħt l-IPA l fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Proġett kontra l-korruzzjoni, l-Albanija

L-iskop tal-“Proġett kontra l-korruzzjoni fl-Albanija” kien li jappoġġa lill-Gvern Albaniż fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tiegħu kontra l-korruzzjoni (2007-2013). Dan il-proġett mhux biss naqas milli jilħaq il-miri li setgħu jitkejlu, iżda s-sostenibbiltà tiegħu ġiet affettwata wkoll mill-fatt li l-koordinatur nazzjonali kontra l-korruzzjoni ma kienx indipendenti, u kkoordinata l-politiki fil-livell nazzjonali u fil-livell lokali mingħajr baġit jew personal adegwati.

Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Dan il-proġett kellu l-għan li jsaħħaħ xogħol il-korp prinċipali li kien responsabbli għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Madankollu, huwa ma indirizzax il-fatt li l-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni ma kinitx f'pożizzjoni li teżerċita l-mandat tagħha b'mod effettiv minħabba impenn inadegwat mill-awtoritajiet nazzjonali, nuqqas ta' indipendenza min-naħa tal-maniġment superjuri u riżorsi insuffiċjenti⁴⁹.

49 Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2016 tal-QEA “Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: progress limitat f'kuntest diffiċli” il-paragrafu 28 u l-Kaxxa 3 (<http://eca.europa.eu>). L-evalwazzjoni “IPA support for the fight against corruption” (L-appoġġ taħt l-IPA għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni), Awwissu 2015, p. 30 u p. 120.

Il-Kummissjoni użat ftit li xejn finanzjament taħt l-IPA f'oqsma ewlenin tal-istat tad-dritt

51

Il-midja ħielsa u soċjetà ċivili b'saħħitha huma motivaturi ewlenin biex titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata⁵⁰; huma spiss iħeġġu lill-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni u lill-prosekuzzjoni pubblika biex jieħdu azzjoni. Dawn, imbagħad, jikkontribwixxu direttament għal rekord ta' investigazzjoni effettiva, prosekuzzjoni u kundanni finali f'każijiet ġudizzjarji ta' korruzzjoni ta' livell għoli u ta' kriminalità organizzata. Fil-kuntest tal-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent, il-problemi pervażivi bl-indipendenza ġudizzjarja u l-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (ara l-paragrafi 46 sa 50), flimkien mal-fehmiet proprji tal-Kummissjoni dwar l-importanza tal-midja, tas-soċjetà ċivili, tal-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni u tal-prosekuzzjoni pubblika⁵¹, kienu raġunijiet suffiċjenti biex jingħata appoġġ sostnut f'dawn l-oqsma ewlenin.

50 Transparency International, “Corruption fighters' Tool kit: civil society experiences and emerging strategies” (Kaxxa tal-għodod għal dawk involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni: esperjenzi tas-soċjetà ċivili u strateġiji emerġenti), 2002 (http://www.transparency.org/whatwedo/publication/corruption_fighters_toolkit_civil_society_experiences_and_emerging_strategi).

51 Pereżempju, ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Strateġija ta' Tkabbir u Sfidi Ewlenin 2011-2012, KUMM(2011) 666 finali, b'mod partikolari p. 3, 7, 23, 39, 41, 45, 54, 58, 60 u 67.

52

Madankollu, taħt l-IPA I, il-Kummissjoni allokat relattivament ftit li xejn finanzjament għal-libertà tal-midja u għas-soċjetà ċivili, fil-Balkani tal-Punent (0.5 % tal-allokkazzjonijiet totali)⁵². Pereżempju, l-Albanija ma rċeviet l-ebda allokkazzjoni nazzjonali għal-libertà tal-midja u għas-soċjetà ċivili fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Bl-istess mod, il-Kummissjoni allokat ftit li xejn finanzjament għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (2 %) u għall-appoġġ għas-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika (1 %).

Il-proġetti fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kienu b'mod ġenerali sostenibbli

53

Il-bini u ż-żamma tal-kapaċità amministrattiva kienu partikolarment problematiċi, prinċipalment minħabba korruzzjoni mifruxa u interferenza politika kostanti fir-reklutaġġ tas-servizz pubbliku u fil-ġestjoni tal-karrieri. Dan irriżulta f'dawran għoli tal-persunal u f'nuqqas ta' persunal ikkwalfikat fl-awtoritajiet nazzjonali⁵³. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni rnexxietha tittrasforma ħafna outputs tal-proġetti f'riżultati sostenibbli, li l-IPA I kien appoġġa (eż. ir-riforma tas-servizz pubbliku, id-dwana, l-akkwist pubbliku, il-kontroll intern tal-finanzi pubbliċi, l-awditar.

54

Mit-23 proġett fil-kampjun tal-awditjar tal-proġetti nazzjonali, 14 kienu sostenibbli⁵⁴. Fejn dawn ma kinux, dan kien prinċipalment minħabba baġit u persunal insuffiċjenti, koordinazzjoni fqira u, l-aktar importanti minnhom kollha, in-nuqqas ta' rieda politika mill-benefiċjarju biex jirrifirma l-istituzzjonijiet u jwettaq segwitu tar-riforma. F'xi każijiet, qabel ma awtorizzat l-ikkuntrattar, il-Kummissjoni setgħet ippredefiniet kundizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-leġiżlazzjoni u t-termini ta' referenza tal-proġetti, iżda kienet naqset milli tagħmel dan (ara l-**Kaxxa 11**).

- 52 Analiżi mill-QEA, id-*data* tal-Kummissjoni, Lulju 2015.
- 53 Meta-evaluation of IPA assistance (Metaevalwazzjoni tal-assistenza taħt l-IPA), Settembru 2013, p. 19. Ir-Rapporti ta' Progress 2012-2015.
- 54 Ara l-**Annex II**, il-proġetti fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika fl-Albanija (in-Nri 3, 4 u 5), fl-Bożnija-Herzegovina (in-Nri 6, 7 u 9), fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (in-Nri 12 u 14), fl-Montenegro (in-Nri 17 u 18) u fis-Serbja (in-Nri 20, 21, 22 u 23).

L-IPA u r-riforma amministrattiva pubblika

Il-Bożnija-Herzegovina

F'dan il-pajjiż, il-baġits ġew adottati tard u l-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-baġits baqgħu bi kwalità baxxa⁵⁵. Barra minn hekk, fil-livell tal-Istat, l-entitajiet u d-Distrett ta' Brčko kellhom il-baġits proprji tagħhom, u l-lijijiet dwar is-servizz pubbliku u l-amministrazzjoni ċivili kif ukoll dwar l-amministrazzjoni pubblika baqgħu frammentati. Dan xekkel is-sostenibbiltà ta' proġett ta' koordinazzjoni amministrattiva fil-pajjiż kollu u ta' proġett fil-qasam tal-istatistika tal-finanzi pubbliċi.

55 The SIGMA baseline measurement 2015, Bosnia and Herzegovina (Il-kejl tal-linja bażi 2015 tas-SIGMA, il-Bożnija-Herzegovina) (p. 2, p. 39, p. 94 u p. 95) iddeskriva dan il-kuntest speċifiku.

55

Fir-rigward ta' programmi reġjonali (ara l-**Anness III**), id-WBIF tfassal bħala strument ta' kombinament għal proġetti ta' infrastruttura fil-Balkani tal-Punent⁵⁶. Bejn l-2008 u l-2014, EUR 2.8 biljun ġew ikkuntrattati f'selfiet għall-proġetti, meta mqabbla ma' EUR 305 miljun f'finanzjament mill-UE⁵⁷. Id-WBIF kien strument tajjeb għat-titjib tal-koordinazzjoni tad-donaturi u biex jiġi pprovdut appoġġ tekniku lill-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-infrastruttura (eż. tħejjija ta' repertorji ta' proġetti, abbozzar ta' dokumentazzjoni dwar il-finanzjament tal-proġetti), u b'hekk issaħħet il-kapaċità amministrattiva tal-benefiċjarju. Aħna eżaminajna eżempju tipiku ta' proġett taħt id-WBIF (ara l-**Kaxxa 12**).

56 Il-kombinament huwa meta selfiet minn istituzzjonijiet finanzjarji jiġu kkombinati ma' għotjiet, u jippermetti li l-Kummissjoni tingrana l-fondi taħt l-IPA billi tattira selfiet minn istituzzjonijiet finanzjarji. Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2014 tal-QEA "L-effettività tal-kombinament ta' għotjiet tal-faċilitajiet ta' investiment reġjonali ma' selfiet minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-appoġġ ta' politiki esterni tal-UE" (<http://eca.europa.eu>).

57 Ir-rapporti annwali u ta' monitoraġġ tad-WBIF (<https://www.wbif.eu/Library>).

Kaxxa 12

Il-proġett ta' pipeline Joniku-Adrijatiku

Il-proġett reġjonali ta' EUR 3.5 miljun, li kien sponsorjat mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, kien jikkonsisti f'assistenza teknika għal studju tal-fattibbiltà għal pipeline ta' interkonnessjoni tal-gass mill-Albanija sal-Kroazja. Ir-risultat tanġibbli tal-proġett (rapport tekniku) ġie kkompletat fil-ħin u pprovdha speċjalizzazzjoni teknika lill-Ministeru Albaniż tal-Enerġija u l-Industrija. Dan se jintuża għall-pjan regolatorju u l-kostruzzjoni futura tal-pipeline tal-gass.

56

Irregolata mis-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, l-Iskola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika (ReSPA) hija organizzazzjoni internazzjonali bbażata f'Danilovgrad, il-Montenegro. Hija rċeviet EUR 2.4 miljun f'assistenza teknika taħt l-IPA, tagħmir u għamara u allokkazzjoni annwali ta' EUR 1.2 miljun f'finanzjament taħt l-IPA biex tappoġġa l-attivitajiet operazzjonali tagħha⁵⁸.

58 Abbażi ta' kuntratti ffirmati mill-2008 sal-2014, il-Kummissjoni, Ġunju 2015

57

Filwaqt li l-għan tagħha kien li tikkontribwixxi għal amministrazzjoni pubblika effettiva u professjonali fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, l-uffiċjali pubbliċi minn dawn il-pajjiżi għamlu ftit li xejn użu mill-offerta ta' taħriġ tar-ReSPA⁵⁹, li ma kinitx proporzjonata mal-volum ta' fondi tal-IPA u l-volum ta' fondi nazzjonali investiti fir-ReSPA matul kważi deċennju⁶⁰. Il-Kummissjoni għamlet proposti biex ittejjeb ir-riżultati tar-ReSPA, inkluż bl-iżgurar ta' koordinazzjoni bejn l-assistenza reġjonali u l-assistenza nazzjonali taħt l-IPA⁶¹. Għalkemm kienet ittiegħet deċiżjoni dwar dawn il-proposti fiż-żmien meta sar l-awditu, kien kmieni wisq biex jiġi stabbilit jekk ir-ReSPA tejjbitx tassew il-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent.

il-Kummissjoni setgħet hegħget lill-benefiċjarji biex jużaw l-IPA bħala għodda ta' taħlim

58

Aħna sibna li l-approċċ tal-Kummissjoni għall-IPA l kien prinċipalment ristrett għall-istrutturi tal-IPA li twaqqfu speċifikament għall-iskop tal-ġestjoni tal-fondi tal-IPA⁶². Hija setgħet ukoll hegħget b'mod attiv lill-awtoritajiet nazzjonali biex jużaw il-prattika tajba li ġiet żviluppata f'dawn l-istrutturi tal-IPA bħala għodda ta' taħlim għat-tiħiħ ta' partijiet oħra mill-amministrazzjoni pubblika 'l barra minn dawn l-istrutturi⁶³, għalkemm dan ma kienx objettiv speċifiku tal-IPA. Madankollu, hija ma għamlitx hekk, u, b'riżultat ta' dan, il-kontribut tal-IPA għat-tiħiħ tal-kapaċità amministrattiva baqa' limitat għal korpi assoċjati mill-qrib mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tal-IPA. Il-**Kaxxa 13** u l-**Kaxxa 14** juru żewġ eżempji ta' profil għoli fejn il-benefiċjarji naqsu milli japplikaw Prattika tajba li setgħet tiġi mitgħallma mill-IPA.

- 59 Ibbażata fuq feedback mill-awtoritajiet Albaniżi lill-QEA (Ġunju 2015), ir-Rapport Speċjali Nru 11/2016 tal-QEA, il-paragrafu 37 (il-Kaxxa 1). Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2016 tal-QEA "Tiħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Montenegro: sar progress iżda jeħtieġ li jinkisbu riżultati aħjar f'bosta oqsma ewlenin", il-paragrafu 19 (il-Kaxxa 2) (<http://eca.europa.eu>).
- 60 Metaevalwazzjoni/evalwazzjoni ta' programmi b'ħafna benefiċjarji, Ġunju 2013, p. 19, p. 20, p. 24 u p. 25.
- 61 Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2016 tal-QEA "Tiħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Montenegro: sar progress iżda jeħtieġ li jinkisbu riżultati aħjar f'bosta oqsma ewlenin", il-paragrafu 20 (<http://eca.europa.eu>).
- 62 B'rabta mal-fatt li l-IPA huwa ta' benefiċċju għall-amministrazzjoni pubblika aktar ġenerali u mhux biss għall-istrutturi tal-IPA, l-ewalwazzjonijiet tal-Kummissjoni rrakkomandaw li jenħtieġ li l-unitajiet ta' ġestjoni tal-IPA jiġu assorbiti fi-istruttura operazzjonali tal-benefiċjarji aktar milli jkunu korpi awtonomi. Meta-evaluation of IPA assistance (Metaevalwazzjoni tal-assistenza taħt l-IPA), Settembru 2013. Din il-kwistjoni tqajmet ukoll mill-QEA fl-2014 fil-kuntest tar-Rapport Speċjali tagħha Nru 18/2014, il-paragrafu VI.
- 63 Ara r-Rapport Speċjali Nru 11/2016 tal-QEA "Tiħiħ tal-kapaċità amministrattiva fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: progress limitat f'kuntest diffiċli" il-paragrafi 55 u 72 (<http://eca.europa.eu>).

il-proġett "Skopje 2014", l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Dan tħabbar fl-2010 bħala proġett ta' EUR 80 miljun. Madankollu, fl-2015, ġie stmat li l-ispejjeż totali kienu seba' darbiet aktar minn dan l-ammont, jew EUR 560 miljun. Dan il-proġett urban fuq skala kbira fil-belt kapitali kien jikkonsisti fit-twaqqif ta' binjiet u monumenti (ara l-Istampa 3). Huwa ma bbenefikax minn finanzjament taħt l-IPA. Dan il-proġett ma segwiex ir-regoli tal-UE tal-akkwist pubbliku; kien hemm nuqqas ta' trasparenza matul il-proċess tal-offerti (eż. tħallsu tariffi għal xogħlijiet tal-arti li ma ġewx speċifikati qabel l-offerta) u l-irregolaritajiet allegati fl-għotjiet tal-kuntratti la kienu ġew awditjati esternament, u lanqas ma kienu ġew investigati⁶⁴.

64 Il-BIRN, "True cost of Skopje 2014 Revealed" (Żvelata l-Ispiża vera ta' Skopje 2014), is-27 ta' Lulju 2015. Il-BIRN, "Accountability questions dog authors of Skopje 2014" (Kwistjonijiet ta' obbligu ta' rendikont jippersegwitaw l-awturi ta' Skopje 2014), l-14 ta' Awwissu 2015. Ir-Rapport ta' Progress 2014, p. 25. L-ewalwazzjoni "IPA support for the fight against corruption" (L-appoġġ taħt l-IPA għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni), Awwissu 2015, p. 40.

Stampa 3

Partijiet mill-proġett “Skopje 2014”: Xogħlijiet tal-arti fix-Xmara Vardar u binjiet pubbliċi fuq l-imbankment tagħha

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Kaxxa 14

Il-proġett tal-Pont Žeželj, is-Serbja

Fir-Reġjun Awtonomu ta' Vojvodina fis-Serbja, l-IPA ffinanzja partijiet mill-ispejjeż tal-proġett tal-Pont Žeželj. Il-pont il-ġdid suppost kellu jiġi kkompletat sa Novembru 2013 sabiex jissostitwixxi pont ferrovjarju u tat-triq konġestjonat ħafna u perikoluż fiċ-ċentru tal-belt ta' Novi Sad, li kien kostruzzjoni temporanja mibnija wara li l-pont preċedenti ġie bbombardjat matul il-gwerra kontra l-Kosovo. Minħabba piż amministrattiv eċċessiv u koordinazzjoni dgħajfa (eż. id-delegazzjoni ta' kompiti ewlenin tal-awtoritajiet Serbi lil partijiet esterni, l-inkompatibbiltà tal-proċeduri Serbi mal-proċeduri ta' inġinerija internazzjonali, problemi bl-issettjar ta' stadji importanti għall-proġett), ġie akkumulat dewmien konsiderevoli fl-2015 u l-awtoritajiet Serbi naqsu milli jikkompletaw dawk il-fażijiet tal-proġett li ma ġewx iffinanzjati mill-IPA (l-*Istampa 4*).

Lok tal-Pont Żeżelj futur li se jaqşam ix-Xmara Danubju f'Novi Sad

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-djalogu politiku indirizza l-kapaċità amministrattiva**59**

Il-kisbiet tal-IPA kienu jiddependu ħafna mill-progress miksub mid-diversi strutturi tad-djalogu ta' politika. Id-djalogu politiku twettaq fil-livell intergovernattiv jew inkella fil-livell parlamentari konġunt. Il-livell intergovernattiv kien jinkludi l-Kunsill u l-Istati Membri tal-UE, is-SEAE, il-Kummissjoni u s-sitt gvernijiet tal-Balkani tal-Punent. Il-komitati parlamentari konġunti rilevanti tal-Parlament Ewropew u s-sitt parlamenti tal-Balkani tal-Punent kienu jiffurmaw il-livell parlamentari konġunt. It-**Tabella 4** tagħti sommarju tal-istrutturi l-aktar importanti tad-djalogu politiku li jinvolve lill-Kummissjoni u li huma rilevanti għal dan l-awditu.

Strutturi tad-djalogu li jinvolvu lill-Kummissjoni u l-Balkani tal-Punent

	Djalogu Politiku	Bidu
L-Albanija	Djalogu ta' livell għoli dwar prijoritajiet ta' livell ewlieni	12 ta' Novembru 2013
Il-Bożnija-Herzegovina	Djalogu ta' livell għoli dwar il-proċess ta' adeżjoni	27 ta' Ġunju 2012
	Djalogu strutturat dwar il-ġustizzja	6 ta' Ġunju 2011
Il-Kosovo	Djalogu strutturat dwar l-istat tad-dritt	30 ta' Mejju 2012
L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	Djalogu ta' livell għoli dwar l-adeżjoni	29 ta' Marzu 2012
Il-Montenegro	Jibdew in-negozjati tal-adeżjoni	29 ta' Ġunju 2012
Is-Serbja	Jibdew in-negozjati tal-adeżjoni	21 ta' Jannar 2014
Il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent	Kunsilli ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni	Ħafna dati

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

60

Dawn l-istrutturi tad-djalogu kellhom l-għan li jstimulaw ir-rieda politika biex isaħħu l-istat tad-dritt, iħeġġu r-riforma amministrattiva u jtejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, speċjalment fis-snin 2014-2015. Skont x'kien l-istatus politiku tal-pajjiż fir-rigward tas-sħubija fl-UE (kandidat potenzjali, kandidat jew kandidat b'negozjati attivi dwar il-kapitoli), l-istrutturi tad-djalogu politiku rriżultaw fi gruppi ta' ħidma speċjalizzati.

Id-djalogu politiku dwar l-istat tad-dritt kellu impatt limitat

61

Il-Kummissjoni waqqfet b'mod effettiv gruppi ta' ħidma, notevolment dwar l-indipendenza tal-ġudikatura, id-dgħufijiet fil-prosekuzzjoni pubblika u l-korruzzjoni fil-ġudikatura u l-pulizija. Barra minn hekk, fil-każ tal-Montenegro u s-Serbja, li magħhom il-Kunsill approva l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni (ara t-**Tabella 4**), il-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni, il-pjanijiet ta' azzjoni dwar il-Kapitoli 23 u 24 u l-IPA tawhom ċertu livell tal-istat ta' tnejn għar-riforma tal-ġudikatura u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

62

Kif jidher fil-**Kaxxa 15**, f'pajjiżi li magħhom in-negozjati tal-adeżjoni kienu għadhom ma bdewx, l-effett tal-gruppi ta' ħidma bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent fil-ġenerazzjoni tar-rieda politika biex jippromwovu l-istat tad-dritt kien limitat.

Kaxxa 15

Limiti tad-djalogu politiku li jirrigwarda l-istat tad-dritt

II-Bożnija-Herzegovina

Minħabba l-isfidi politiċi u istituzzjonali, id-djalogu politiku kien parzjalment ineffettiv. Sar xi progress fl-istabiliment ta' istituzzjonijiet funzjonali u sostenibbli⁶⁵, iżda ftit li xejn sar progress fil-qasam tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja. Il-ġudikatura kompliet tbat minn difetti persistenti f'dak li jirrigwarda l-indipendenza, minn interferenza politika u minn ineffiċjenzi⁶⁶.

II-Kosovo

Għalkemm l-istat tad-dritt kien l-ogħla prijorità fil-Kosovo⁶⁷, il-progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata ltaqa' ma tfixkil importanti, kif evidenzjat minn diversi rapporti⁶⁸. Id-djalogu politiku sa issa kien ineffettiv fl-indirizzar tas-sens prevalenti ta' impunità f'dan il-pajjiż, notevolment minħabba nuqqas ta' indipendenza ġudizzjarja, kif ukoll riżultati limitati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata⁶⁹.

65 Ir-Rapport ta' Progress 2015, p. 9 u p. 12.

66 Ir-Rapport ta' Progress 2015, p. 12, p. 15, p. 16, p. 17.

67 Id-DIPP 2011-2013, il-Kosovo.

68 Fir-Rapport ta' Progress 2014: Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għat-titjib tal-istat tad-dritt u għall-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

69 Ir-Rapport ta' Progress 2015, p. 12, p. 15, p. 16 u p. 18. In-nota ta' trażmissjoni, ir-Rapport ta' Progress 2014.

Id-djalogu politiku dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kiseb xi progress

63

Id-djalogu politiku dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika seħħ fil-qafas tal-ftehimiet ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni (FSA). Fi sħubija mal-amministrazzjonijiet pubbliċi benefiċjarji fir-reġun kollu tal-Balkani tal-Punent, il-Kummissjoni waqqfet b'suċċess "gruppi speċjali ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika".

64

Dawn il-gruppi speċjali indirizzaw b'mod sistematiku l-qafas strateġiku għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, għas-servizz pubbliku u l-ġestjoni tar-riżorsi umani, għall-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' politiki, għat-twassil tas-servizzi liċ-ċittadini u lin-negozji, għall-obbligu ta' rendikont tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll għall-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Dawn ġew stabbiliti fl-2010 fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fl-2012 fl-Albanija, fl-2013 fil-Kosovo, fl-2014 fil-Montenegro u s-Serbja u fl-2015 fil-Bożnija-Ħerzegovina.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

40

65

Abbażi tas-sejbiet ta' rapporti speċjali preċedenti, evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u xogħol tal-awditjar addizzjonali mwettaq fl-2015, l-oġġettiv tagħna kien li nwettqu valutazzjoni ta' jekk il-Kummissjoni, permezz tal-programm taħt l-IPA, kinitx ikkontribwiet għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent. L-ambitu tagħna kien l-IPA I (2007-2013), iżda aħna ħadna inkunsiderazzjoni wkoll l-ewwel stadji tal-IPA II (2014-2020). Aħna ffukjana fuq is-setturi ewlenin li huma l-istat tad-dritt u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

66

Aħna kkonkludejna li l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE kienet effettiva b'mod ġenerali u li l-IPA I saħħaħ sa ċertu punt il-kapaċità amministrattiva fir-reġjun, minkejja n-nuqqasijiet konsiderevoli inerenti tal-awtoritajiet nazzjonali fil-Balkani tal-Punent.

67

Fir-rigward tal-ġestjoni mill-Kummissjoni, l-oġġettivi tal-IPA I mhux dejjem kienu speċifiċi u mhux dejjem setgħu jitkejlu. Il-programmi u l-proġetti kienu bbażati fuq il-ħtiġijiet, iżda xi valutazzjonijiet li saru mill-benefiċjarji fis-settur tal-istat tad-dritt urew nuqqasijiet konsiderevoli (il-paragrafi 16 sa 23).

68

L-assorbiment tal-finanzjament taħt l-IPA I ixxeċkel minn kapaċità amministrattiva dgħajfa f'xi pajjiżi u, fil-każ tal-implimentazzjoni deċentralizzata, minn rekwiżiti stretti marbutin mal-ġestjoni tal-fondi tal-UE (il-paragrafi 24 sa 26).

Rakkomandazzjoni 1 Objettivi. Ġestjoni indiretta

Taħt l-IPA II, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissettja objettivi speċifiċi bbażati fuq prioritajiet ikklassifikati u miri li jistgħu jitkejlu.

Sabiex tissimplifika r-rekwiżiti tal-ġestjoni, meta l-Kummissjoni tidentifika li l-kapaċità amministrattiva tkun dgħajfa, jenħtieġ li hija tapplika ġestjoni indiretta b'mod selettiv, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-volum tal-fondi involuti u l-komplessità u s-sensittività politika tal-proġetti li għandhom jiġu deċentralizzati.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

69

Taħt l-IPA I, il-Kummissjoni ma applikatx kundizzjonijiet stretti b'mod sistematiku u ma wettqitx segwitu tagħhom. Minkejja xi nuqqasijiet fir-rappurtar, għall-monitoraġġ li hija wettqet u li huwa orjentat lejn ir-riżultati, hija kienet effettiva fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti taħt l-IPA. Hija kienet ukoll parzjalment effettiva fit-twettiq ta' segwitu tal-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet dwar l-IPA. Fl-aħħar nett, minkejja nuqqasijiet konsiderevoli fil-livell tal-benefiċjarji, irnexxielha tappoġġa l-koordinazzjoni tad-donaturi b'mod effettiv (il-paragrafi 27 sa 37).

Rakkomandazzjoni 2 Kundizzjonijiet. Monitoraġġ. Evalwazzjoni

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika kundizzjonijiet rilevanti fil-livell tas-setturi, tal-programmi u tal-proġetti u li twettaq segwitu tagħhom. Pereżempju, hija tkun tista' tapplika, fejn ikun xieraq, tnaqqisa netta fl-allokkazzjonijiet futuri taħt l-IPA, tissospendi pagamenti, tikkanċella proġetti li jkunu għadhom ma ġewx ikkunttratti u timmonitorja b'mod sistematiku l-konformità tal-proġetti ma' kundizzjonijiet predefiniti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja programmi u proġetti sensitivi b'mod sistematiku u twettaq evalwazzjonijiet esterni tal-interventi fis-setturi ta' prijorità fil-Balkani tal-Punent.

70

Fir-rigward tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent, b'mod ġenerali l-IPA wassal l-outputs li ġew ippjanati kuntrattwalment, u l-appoġġ tiegħu għall-istat tad-dritt u għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kien parzjalment sostenibbli (il-paragrafi 42 sa 57).

71

Fil-każ tal-proġetti fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-Kummissjoni ma applikatx il-kundizzjonalità b'mod suffiċjenti u relattivament, ftit li xejn, ġie pprovdut finanzjament taħt l-IPA l-fl-oqsma ewlenin tal-istat tad-dritt, bħalma hija l-libertà tal-midja, il-prosekuzzjoni pubblika, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. In-nuqqas ta' rieda politika mill-benefiċjarji biex jirrifurmaw l-istituzzjonijiet, baġit u persunal insuffiċjenti, kif ukoll koordinazzjoni fqira wkoll affettwaw is-sostenibbiltà tal-proġetti (il-paragrafi 43 sa 52).

72

Fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kummissjoni rnexxielha tittrasforma ħafna outputs tal-proġetti f'riżultati sostenibbli. Għalkemm mhux objettiv espliċitu tal-IPA, hija setgħet tteġġeg aktar lill-benefiċjarji biex jużaw l-IPA bħala għodda ta' tagħlim fil-bqija tal-amministrazzjoni pubblika tagħhom (il-paragrafi 53 sa 58).

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Rakkomandazzjoni 3 Rekords. Riżorsi

Fil-kuntest tad-djalogu politiku u taħt l-IPA I u II, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi lill-pajjiżi benefiċjarji f'impenn politiku aktar b'saħħtu biex b'hekk jistabbilixxu rekords konvinċenti ta' investigazzjoni effettiva, prosekuzzjoni u kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u ta' kriminalità organizzata. Għal din il-fini, jenħtieġ li hija tirrikjedi li kull wieħed mill-benefiċjarji jibni aktar ir-rekords tiegħu. Jenħtieġ li dan isir fil-qafas tad-djalogu politiku u li jiġi rifless f'allokazzjonijiet nazzjonali futuri taħt l-IPA u f'sorsi potenzjali oħra ta' finanzjament mill-UE.

Barra minn hekk, ladarba jkun hemm impenn politiku, u kapaċità aħjar ta' as-sorbiment, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmira aħjar ir-riżorsi fl-oqsma ewlenin tal-istat tad-dritt fejn aħna osservajna li hemm ħtieġa sinifikanti għall-appoġġ: il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (b'fokus partikolari fuq il-prosekuzzjoni pubblika) u l-libertà tal-midja.

73

It-titjib tal-kooperazzjoni reġjonali u t-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva fir-reġjun fl-intier tiegħu huma ta' importanza kbira u tteġġew mill-Kummissjoni, notevolment fil-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (il-paragrafi 19, 39, u 55).

74

Madankollu, matul il-perjodu awditjat, il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali ma kellux impatt sinifikanti fuq il-post. Għall-Iskola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika, kien kmieni wisq biex jiġi stabbilit jekk din tejjbitx il-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent (il-paragrafi 39, 45 u 57).

Rakkomandazzjoni 4 Kooperazzjoni reġjonali

Taħt l-IPA I u II, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa l-kooperazzjoni reġjonali. B'mod partikolari, jenħtieġ li hija tiżgura li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħha għall-KKR u għar-ReSPA jrendu riżultati li jstgħu jitkejlu u li jkunu sostenibbli fuq il-post.

75

Id-djalogu politiku fil-Balkani tal-Punent kellu impatt limitat fuq l-istat tad-dritt f'għadd ta' każijiet. Huwa rnexxielu jikseb xi progress fir-rigward tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (il-paragrafi 59 sa 64).

Rakkomandazzjoni 5 Djalogu politiku

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża djalogu politiku biex tappoġġa t-twassil ta' riżultati fil-qasam tal-istat tad-dritt u f'dak tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika taħt l-IPA.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

Avvenimenti ewlenin għall-fehim tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent

2000	<ul style="list-style-type: none"> 1 ta' Ġunju — Il-Kunsill Ewropew ta' Santa Maria da Feira jiddikjara li l-pajjiżi kollha involuti fi proċess ta' FSA huma kandidati potenzjali għas-sħubija fl-UE.
2001	<ul style="list-style-type: none"> 1 ta' April — Jiġi arrestat l-Eks-President Jugoslav Slobodan Milosevic, li kien imfittex rigward akkużi ta' delitti tal-gwerra, abbuż ta' poter u korruzzjoni.
	<ul style="list-style-type: none"> 13 ta' Awwissu — Il-Ftehim Qafas ta' Ohrid jissiġilla l-qbil dwar il-paċi bejn l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-komunità etnika Albaniża tal-pajjiż.
2003	<ul style="list-style-type: none"> 20 ta' Ġunju — Il-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika jikkonferma l-perspettiva tal-UE għall-Balkani tal-Punent.
2004	<ul style="list-style-type: none"> 22 ta' Marzu — L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tapplika għas-sħubija fl-UE.
	<ul style="list-style-type: none"> 1 ta' April — L-FSA mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jidħol fis-seħħ
2005	<ul style="list-style-type: none"> 16 ta' Diċembru — Il-Kunsill jikkonferma l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja bħala pajjiż kandidat.
2006	<ul style="list-style-type: none"> 3 ta' Ġunju — Wara referendum b'suċċess, il-Montenegro jiddikjara l-indipendenza tiegħu.
2007	<ul style="list-style-type: none"> 1 ta' Jannar — L-FSA jidħol fis-seħħ
	<ul style="list-style-type: none"> 26 ta' Frar — Fil-Bożnija-Herzegovina vs. is-Serbja u l-Montenegro, il-QIĠ tiddeċiedi li l-massakru ta' Srebrenica kien att ta' ġenoċidju, filwaqt li il-konvenut ma ġiex iddikjarat ħati tal-massakru.
2008	<ul style="list-style-type: none"> 17 ta' Frar — Il-Kosovo jiddikjara l-indipendenza tiegħu.
	<ul style="list-style-type: none"> 11 ta' Lulju — Fil-konferenza tad-donaturi għall-Kosovo, il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE jwiegħdu kważi EUR 800 miljun biex jappoġġaw speċifikament lill-Kosovo.
	<ul style="list-style-type: none"> 15 ta' Diċembru — Il-Montenegro japplika għas-sħubija fl-UE.
2009	<ul style="list-style-type: none"> 1 ta' April — L-FSA mal-Albanija jidħol fis-seħħ.
	<ul style="list-style-type: none"> 24 ta' Diċembru — L-Albanija tapplika għas-sħubija fl-UE.
	<ul style="list-style-type: none"> 22 ta' Diċembru - Is-Serbja tapplika għas-sħubija fl-UE.
	<ul style="list-style-type: none"> 22 ta' Diċembru — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) tikkundanna lill-Bożnija-Herzegovina għall-ksur tad-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini ta' komunitajiet mhux maġġoritarji.
2010	<ul style="list-style-type: none"> 1 ta' Mejju — L-FSA mal-Montenegro jidħol fis-seħħ.
	<ul style="list-style-type: none"> 22 ta' Lulju — Il-QIĠ toħroġ opinjoni konsultattiva li d-dikjarazzjoni unilaterali tal-indipendenza tal-Kosovo ma kisret l-ebda regola applikabbli tal-liġi internazzjonali.
	<ul style="list-style-type: none"> 17 ta' Diċembru — Il-Kunsill jikkonferma l-Montenegro bħala pajjiż kandidat.
2011	<ul style="list-style-type: none"> 26 ta' Mejju u 20 ta' Lulju — Jiġu arrestati kriminali prominenti tal-gwerra Serba li kienu mfittxija mit-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslava.

2012	o 1 ta' Marzu — Il-Kunsill Ewropew jikkonferma s-Serbja bħala pajjiż kandidat.
	o 29 ta' Ġunju — In-negożjati tal-adeżjoni tal-Montenegro jibdew formalment.
2013	o 19 ta' April — Il-Prim Ministri tal-Kosovo u tas-Serbja jiffirmaw il-Ftehim ta' Brussell, li nnormalizza r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi.
	o 1 ta' Settembru — L-FSA mas-Serbja jidħol fis-seħħ.
2014	o 1 ta' Jannar — L-IPA II jidħol fis-seħħ
	o 21 ta' Jannar — In-negożjati tal-adeżjoni tas-Serbja jibdew formalment.
	o 27 ta' Ġunju — Il-Kunsill jikkonferma l-Albanija bħala pajjiż kandidat.
	o 15 ta' Lulju — Dikjarazzjoni mill-President il-ġdid tal-Kummissjoni li l-ebda adeżjoni ġdida mhi se sseħħ qabel l-2020.
	o 28 ta' Awwissu— Summit dwar il-Balkani tal-Punent f'Berlin.
2015	o 1 ta' Ġunju — L-FSA mal-Bożnija-Ħerzegovina jidħol fis-seħħ.
	o 20 ta' Awwissu — Summit dwar il-Balkani tal-Punent fi Vjenna
2016	o 15 ta' Frar — Il-Bożnija-Ħerzegovina tapplika għas-sħubija fl-UE.
	o 30 ta' Marzu — Summit dwar il-Balkani tal-Punent f'Durrës, l-Albanija.
	o 1 ta' April — L-FSA mal-Kosovo jidħol fis-seħħ.

Sors: Il-QEA, fuq il-bażi tad-*data* tal-Kummissjoni Ewropea.

Kampjun tal-awditjar tal-proġetti nazzjonali taħt I-IPA I

Nru	Benefiċjarju	Proġett	Sena tad-deċiżjonijiet taħt I-IPA	Ammont (EUR)
Stat tad-dritt				
1	I-Albanija	Missjoni ta' Assistenza tal-Pulizija tal-Komunità Ewropea lill-Albanija (PAMECA III)	2007	6 768 790
2		Proġett tal-ġlieda kontra l-Korruzzjoni fl-Albanija (PACA)	2008	2 000 000
3		Appoġġ għall-Istrutturi Kontra l-Ħasil tal-Flus u tal-Investigazzjonijiet Kriminali Finanzjarji	2009	1 500 000
4		Faċilità tas-Soċjetà Ċivili — Inizjattivi Ċiviċi u Bini tal-Kapaċità	2009	1 500 000
5		Appoġġ għall-Protezzjoni tax-Xhieda	2009	554 199
6		Missjoni ta' Assistenza tal-Pulizija tal-Komunità Ewropea lill-Albanija (PAMECA IV)	2009	1 000 000
7		EURALIUS III: Assistenza Teknika għas-Sistema tal-Ġustizzja	2009	2 300 000
8		Kostruzzjoni ta' ħabs ġdid f'Fier	2010	9 654 814
9		Sistema ta' ġestjoni ta' każijiet għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Albanija	2010	990 396
10		Kostruzzjoni tal-Palazz tal-Ġustizzja f'Tirana	2012	0
11	il-Bożnija-Herzegovina	Taħriġ konġunt tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja u tal-Unità għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità tas-SIPA, tal-Prosekuturi, tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet regolatorji finanzjarji	2007	392 973
12		Finanzjament tal-Awla tad-Delitti tal-Gwerra (Qorti Statali)	2008	2 999 599
13		Assistenza lid-Direttorat għall-koordinazzjoni tal-korpi tal-pulizija	2008	1 200 000
14		Tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali biex tiġi pprevenuta u miġġielda l-korruzzjoni	2009	488 048
15		Sorveljanza minn Ġurnaliżmu Responsabbli: il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Midja	2009	102 923
16		Kostruzzjoni ta' Ħabs tal-Istat b'Sigurtà Għolja f'Sarajevo - il-Fażi II	2010	5 150 000
17		Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli	2010	1 000 000
18		Assistenza ta' ġemellaġġ lid-Direttorat għall-koordinazzjoni tal-korpi tal-pulizija	2008	1 200 000
19		Appoġġ għall-istituzzjonijiet tal-infurzar tal-liġi	2010	6 999 999
20		Ttjib tal-kapaċità tal-parlamenti fil-kuntest tal-ażżjoni mal-UE	2012	3 499 966
21	I-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	Appoġġ għall-abbozzar tad-dokumenti strateġiċi ta' segwitu u tal-pjanijiet korrispondenti ta' azzjoni għall-prevenzjoni u t-trażżin tal-korruzzjoni u tal-kunflitt ta' interess	2008	165 968
22		Skambju tal-aħjar prattiki tal-UE fil-qasam tal-monitoraġġ kontra l-korruzzjoni fuq livell lokali	2009	138 500

Nru	Benefiċjarju	Proġett	Sena tad-deċiżjonijiet taħt l-IPA	Ammont (EUR)
Stat tad-dritt				
23	il-Montenegro	Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrategġija u l-pjan ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni	2012	700 000
24		Korruzzjoni fil-gvern lokali — tolleranza żero!	2012	190 308
25	is-Serbja	Riforma tal-pulizija: affarijiet interni	2007	1 000 000
26		Titjib fl-effiċjenza u t-trasparenza tas-sistema ġudizzjarja (qrati)	2007	2 643 064
27		Ġlieda kontra l-korruzzjoni	2008	2 147 000
28		Titjib fit-trasparenza u l-effiċjenza (prosekuturi u sistema penali)	2008	1 891 517
29		Appoġġ għas-soċjetà ċivili (I u II)	2007 2008	1 983 458
TOTAL:				60 161 522
Riforma tal-amministrazzjoni pubblika				
1	l-Albanija	Appoġġ għad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika Albaniż (DOPA)	2008	958 892
2		Appoġġ għas-sistemi Albaniżi ta' akkwist pubbliku, ta' konċessjonijiet u ta' rkanti pubbliċi	2008	899 076
3		Tishiĥ tal-Assemblea tal-Albanija	2010	1 454 147
4		Appoġġ għad-Dwana Albaniża Amministrazzjoni	2011	1 424 496
5		Implimentazzjoni ta' Sistema Moderna ta' Ġestjoni u Kontroll Finanzjarju, u ta' Spezzjoni Finanzjarja Pubblika	2012	2 500 000
6	il-Bożnija-Ħerzegovina	Bini tal-kapaċità tal-Uffiċċju tal-Koordinatur għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika	2007	1 824 961
7		Żvilupp u implimentazzjoni ta' strategġija ta' kontroll intern tal-finanzi pubbliċi fil-livell nazzjonali	2007	1 105 904
8		Bini tal-Kapaċità tal-Gvern Ġenerali u tal-Istatistika tal-Finanzi Pubbliċi	2009	1 603 790
9		Kurrikuli għat-trasparenza u għall-obbligu ta' rendikont	2010	445 253
10		Appoġġ għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika	2011	476 450

Nru	Benefiċjarju	Proġett	Sena tad-deċiżjonijiet taħt I-IPA	Ammont (EUR)
Riforma tal-amministrazzjoni pubblika				
11	I-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	Assistenza teknika għall-faċilità ta' taħriġ u appoġġ tal-IPA	2007	856 280
12		Tisħiħ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet biex jimmaniġġjaw u jimplementaw il-programmi operazzjonali	2008	1 599 710
13		Appoġġ għas-Sistema ta' Akkwist Pubbliku	2008	986 442
14		Assistenza Teknika lill-Ministeru tas-Soċjetà tal-Infurmazzjoni u l-Amministrazzjoni u Tisħiħ tal-implimentazzjoni tas-Sistema Nazzjonali għall-Koordinazzjoni tat-Taħriġ	2009	1 095 000
15	il-Montenegro	Żvilupp u tisħiħ ulterjuri tas-sistema ta' akkwist pubbliku	2009	1 080 017
16		Tisħiħ tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-assistenza finanzjarja mill-UE	2009 2010 2013	2 000 000
17		Tisħiħ tal-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar	2014	751 068
18		Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar fl-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar	2014	250 000
19		Tisħiħ tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE u ta' proċeduri amministrattivi ġenerali	2014	1 261 500
20	is-Serbja	Programm ta' appoġġ muniċipali	2007	22 501 150
21		Appoġġ għall-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku	2007	116 650
22		Appoġġ għall-iżvilupp tal-Kontroll Intern tal-Finanzi Pubbliċi	2008	2 000 000
23		Armonizzazzjoni tad-Diviżjoni tal-Infurzar tad-Dwana mal-istandards, l-organizzazzjoni u l-metodoloġija operazzjonali tal-aġenziji tal-infurzar tal-UE	2008	1 399 641
TOTAL:				48 590 427

Sors: II-QEA, fuq il-bażi tad-data tal-Kummissjoni Ewropea, it-30 ta' Ġunju 2015.

Kampjun tal-awditjar tal-programmi reġjonali taħt I-IPA I

Nru	Programmi b'ħafna benefiċjarji fil-Balkani tal-Punent	Snin tad-deċiżjonijiet taħt I-IPA	Ammont ikkuntrattat (EUR)
1	Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR)	2008 - 2013	18 641 100
2	Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF)	2008 - 2014	305 000 000
3	Skola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika (ReSPA)	2010 - 2013	5 900 000
TOTAL:			329 541 100

Sors: II-QEA, fuq il-bażi tad-*data* tal-Kummissjoni Ewropea, it-30 ta' Ġunju 2015. L-ammonti kkuntrattati jirrapreżentaw l-ammonti kkuntrattati totali għall-proġetti kollha f'dawn il-programmi.

Sommarju eżekuttiv

VIII

Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li għiet applikata l-kondizzjonalità, fejn kien xieraq, u fil-livell adegwat, sabiex jinkiseb l-impatt massimu possibbli tal-oġettivi tal-politika tat-tkabbir, f'kundestri politiċi ħafna drabi diffiċli.

Fir-rigward tal-livelli ta' finanzjament, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-finanzjament ipprovdut fis-setturi rilevanti kien adegwat, meta jittieħed inkonsiderazzjoni l-ammont relattivament limitat ta' investimenti fuq skala kbira meħtieġa u l-limiti imposti mill-kapaċità ta' assorbiment attwali. Il-libertà tal-media, is-soċjetà ċivili u l-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata jeħtieġu primarjament l-għoti ta' pariri esperti permezz tal-assistenza teknika, li kienet żgurata permezz tal-IPA, u mhux permezz ta' investment fuq skala kbira.

X

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali kien primarjament stabbilit mill-pajjiżi tar-reġjun bħala forum fejn jistgħu jiltaqgħu u jiddiskutu l-isfidi komuni, u li dan l-għan intlaħaq.

Introduzzjoni

09

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-proċess ta' tkabbir huwa proċess strett iżda ġust, imsejjes fuq kriterji stabili u tagħlimiet li ttieħdu mill-passat. Kull pajjiż huwa vvalutat abbażi tal-mertu tiegħu stess. L-isfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi kandidati attwali huma tali li l-ebda wieħed m'hu se jkun lest biex jissieħeb fl-UE matul il-mandat tal-Kummissjoni attwali, li se jiskadi fi tmiem l-2019. F'Diċembru 2015, il-Kunsill tenna li t-tkabbir għadu politika kruċjali tal-UE u tenna l-impenn inekwivokabbli tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent.

Osservazzjonijiet

23

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-pajjiżi kollha għandhom strateġiji fil-qasam tal-istat tad-dritt. Madankollu, mhux kollha jista' jkollhom strateġija ġenerali jew aġġornata fis-settur tal-ġustizzja.

Kaxxa 4 — L-Esperjenza mill-ġestjoni deċentralizzata fl-ambitu l-IPA I

L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li sabiex ittaffi r-riskju marbut ma' aktar telf ta' proġetti, il-proċedura dwar ir-rieżami tad-dokumenti kuntrattwali tjebet u hija aktar selettiva rigward id-deċentralizzazzjoni tal-fondi fl-ambitu tal-IPA II. Il-Kummissjoni żżomm ukoll taħt monitoraġġ mill-qrib il-pjanijiet ta' akkwist publiku ppreparati mill-awtoritajiet nazzjonali u tagħti pariri dwar il-prijoritizzazzjoni tal-proġetti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żżomm taħt monitoraġġ l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tad-DIS imħejji mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiġi indirizzata kull kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-IPA.

Kaxxa 4 — L-Esperjenza mill-ġestjoni deċentralizzata fl-ambitu I-IPA I

Is-Serbja

L-għan tas-Sistema ta' Implimentazzjoni Decentralizzata (decentralised implementation system, DIS) fl-ambitu tal-IPA I kien il-ġestjoni tal-fondi tal-IPA mill-awtoritajiet nazzjonali.

Għaldaqstant il-proċess ta' akkreditazzjoni, li ddaħħal biss fil-qafas legali tal-IPA II, ma kienx jinvolvi l-valutazzjoni komprensiva tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-livell tal-pajjiż.

Ta' min jinnota, li fil-każ tas-Serbja, il-Kummissjoni kompliet iżżomm taħt monitoraġġ l-istrutturi tad-DIS billi ssegwi kull kwistjoni pendenti u billi tiegħu kull miżura korrettiva. Pereżempju, fl-2015, minħabba nuqqasijiet persistenti f'waħda mill-istrutturi prinċipali (l-Awtorità tal-Awditjar) il-Kummissjoni ddeċidiet li tissospendi l-għoti tal-kompetenzi, peress li s-sistema ma kinitx tiggarrantixxi l-użu adegwat tal-fondi tal-UE.

28

Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li ġiet applikata l-kondizzjonalità, fejn kien xieraq, u fil-livell adegwat, sabiex jinkiseb l-impatt massimu possibbli tal-oġettivi tal-politika tat-tkabbir, f'kuntesti politiċi ħafna drabi diffiċli.

Kaxxa 6 — Matul I-IPA ma ġietx applikata b'mod strett il-kondizzjonalità

Is-Serbja

Sa mill-ipprogrammar tal-IPA tal-2012, il-kondizzjonalitajiet jintużaw b'mod immirat. Dawn huma definiti b'mod ċar, b'mod li jista' jitkejjel, fl-iskedi tas-setturi/tal-proġetti, u jiġu infurzati waqt l-implimentazzjoni. Dan biex jiġi żgurat li l-proġetti (l-azzjonijiet) maturi biss jiġu ffinanzjati. Fl-ipprogrammar, ġew posposti bosta proġetti fejn ma kinux fis-seħħ prekondizzjonijiet kritiċi.

36

Il-Kummissjoni taqbel parzjalment. Bħala politika ġenerali, il-Kummissjoni ssegwi b'mod sistematiku l-evalwazzjonijiet kollha, b'mod partikolari permezz ta' tabella ddettaljata ta' rakkomandazzjonijiet u ta' azzjonijiet ta' segwitu. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati (MOR) huwa bbażat fuq mistoqsijiet ġeneriċi li jistgħu jintużaw għall-pajjiżi u/jew għas-setturi kollha. Madankollu, esperti b'esperjenza speċifika rilevanti jistgħu jintużaw sabiex jagħtu opinjoni aktar ibbilanċjata.

37

Il-Kummissjoni tosserva li bħalissa għaddejja evalwazzjoni strateġika komprensiva tar-riforma fl-amministrazzjoni pubblika.

Kaxxa 7 — Il-koordinazzjoni reġjonali tad-donaturi fil-Balkani tal-Punent

KKR

Il-Kummissjoni tixtieq tinnota li l-KKR (Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali) organizza għadd ta' diskussjonijiet relatati mas-settur fil-livell reġjonali, inkluża laqgħa speċifika dwar il-koordinazzjoni tad-donaturi. Dawn l-azzjonijiet ikkontribwew biex tingħata perspettiva reġjonali dwar l-għajnuna tad-donaturi.

Il-KKR waqqaf bażi tad-dejta tad-donaturi (SEEDAD). F'Diċembru 2015 ġiet iffinalizzata verżjoni beta u l-bażi tad-dejta ġiet ippreżentata lill-komunità tad-donaturi waqt il-laqgħa ta' koordinazzjoni tad-donaturi li saret f'Marzu 2016. (<http://www.rcc.int/seedad/>)

40

Minkejja xi nuqqasijiet fil-proċess ta' koordinazzjoni tad-donaturi min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, minħabba l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tal-UE, dan ma kellux impatt fuq l-implimentazzjoni korretta tal-assistenza finanzjarja tal-IPA.

Kaxxa 8 — Il-koordinazzjoni ineffettiva tad-donaturi fil-livell ta' beneficijarji

Il-Kosovo

Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjoni li sa tmiem l-2011 "il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tad-donaturi tal-Gvern tal-Kosovo ma kinux operattivi b'mod sħiħ", għalkemm ta' min jinnota li minn dak iż-żmien 'il hawn sar progress, u li f'konsultazzjoni mad-donaturi sar titjib fir-"Regolament dwar il-Koordinazzjoni tad-Donaturi", u ġie adottat f'Ġunju 2015. L-Uffiċċju tal-UE pprova ukoll appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali.

43

Il-Kummissjoni tosserva li fil-qasam sensitiv tal-istat tad-dritt huwa meħtieġ impenn politiku sħiħ u kostanti matul il-proġett, sad-data ta' tmiem il-proġett u warajha, sabiex jiġu żgurati riżultati sostenibbli.

44

Il-Kummissjoni tosserva li permezz tad-djalogu politiku tagħha, hija sistematikament tteġġeġ l-appoġġ politiku mill-benefiċjarji għal riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt. Dan id-djalogu, filwaqt li ma jindirizzax kwistjonijiet mhux relatati mal-proġett, għandu effett dirett biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet politiċi qegħdin fis-seħħ jew qed jiġu indirizzati.

Barra minn hekk il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza d-diffikultà partikolari meta jiġu imposti kondizzjonalitajiet stretti, waqt li ma jiġix limitat eċċessivament l-appoġġ finanzjarju fil-qasam tal-istat tad-dritt. Dan jeħtieġ kalibrazzjoni birreqqa permezz ta' djalogu politiku, programmar u bl-implimentazzjoni tal-proġetti.

45

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-KKR waqqaf Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġustizzja mal-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Balkani tal-Punent, li adotta Pjan ta' Azzjoni Reġjonali dwar il-Ġustizzja. Huma stabbilixxew żewġ networks reġjonali (l-istituzzjonijiet għal taħriġ ġudizzjarju u l-Assoċjazzjonijiet tal-Medjaturi) biex jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. Il-KKR impenja lill-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika, in-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Kunsill tal-Ewropa biex jippreparaw seminars u materjal għall-imħallfin u l-prosekuturi.

49

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li sabiex jinkiseb rekord ta' riżultati tajbin hemm bżonn ta' impenn politiku sostnut mill-awtoritajiet fuq perjodu twil ta' żmien.

Fil-każ tal-Kosovo, il-Kummissjoni tirreferi għar-rapport riċenti tagħha dwar il-progress li għamel il-Kosovo biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-pjan direzzjonali għal-liberizzazzjoni tal-viża, inkluż il-kisba ta' rekord ta' riżultati tajbin fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (COM(2016) 276 final).

Kaxxa 10 — Ir-riżultati tal-proġetti tal-IPA fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Il-proġett kontra l-korruzzjoni, l-Albanija

Il-Kummissjoni ma taqbilx parzjalment. Fih innifsu l-proġett ma laħaqx il-miri bħalma huma t-tnaqqis fil-livelli perċepiti ta' korruzzjoni jew iż-żieda fil-qbid ta' assi, li huma riżultati li min-natura tagħhom jieħdu żmien twil. Madankollu, objettivi importanti oħra tal-proġett ntlaħqu b'suċċess u kellhom impatt pożittiv biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni fl-Albanija. L-evalwazzjoni tematika reċenti dwar l-appoġġ tal-IPA fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni kkonkludiet li l-proġett "ikkontribwixxa għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fis-settur tal-edukazzjoni" u vvalutat b'mod pożittiv il-kontribuzzjoni tiegħu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' GRECO u Moneyval.

52

Il-Kummissjoni tenfasizza li hi appoġġat kontinwament lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz tal-assistenza tal-IPA fis-setturi kollha, inklużi d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u permezz ta' programmi li jinvolvu bosta pajjiżi. Huwa estremament importanti li dan l-appoġġ jieħu inkonsiderazzjoni l-kapaċità ta' assorbiment tas-soċjetà ċivili.

Fir-rigward tal-livelli ta' finanzjament fl-oqsma l-oħra msemmijin, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-finanzjament ipprovdut kien adegwat, meta jittieħed inkonsiderazzjoni l-ammont relattivament limitat ta' investimenti fuq skala kbira meħtieġa u l-limiti imposti mill-kapaċità ta' assorbiment attwali. Dawn is-setturi jenħtieġu primarjament l-għoti ta' pariri minn esperti permezz tal-assistenza teknika, li nġhatat permezz tal-IPA, u mhux investiment fuq skala kbira, flimkien ma' impenn politiku b'saħħtu.

58

Il-Kummissjoni tinnotta li l-istrutturi msemmijin mill-Qorti, "imwaqqfin biex jiġu ġestiti l-fondi tal-IPA", japplikaw primarjament għal ġestjoni deċentralizzata, u għalhekk jeżistu biss f'ċerti pajjiżi. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li fejn ikun possibbli, l-awtoritajiet nazzjonali jiġu mħeġġa, biex jagħmlu użu tajjeb mill-aħjar Prattiki ta' dawn l-istrutturi.

Il-Kummissjoni tosserva li l-promozzjoni ta' ġestjoni finanzjarja pubblika tajba mhix limitata biss għall-użu tal-IPA. Minn Ottubru 2013, l-istrateġija l-ġdida tat-tkabbir, "L-ewwel il-prinċipji fundamentali", tagħmel enfasi speċjali fuq il-forom kollha ta' governanza ekonomika, inkluża l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-akkwist pubbliku f'konformità mal-istandards tal-UE. Dan jinżamm taħt monitoraġġ mill-qrib permezz tal-istrutturi xierqa.

Kaxxa 14 — Il-proġett tal-Pont Žeželj, is-Serbia

Il-biċċa l-kbira tad-dewmien ġie attribwit għall-kuntrattur. Aktar reċentement, din it-tip ta' diffikultà ġiet indirizzata permezz ta' rabtiet aħjar bejn l-objettivi tal-politika u l-ipprogrammar.

61

Il-Kummissjoni tfakkar li d-dialogu politiku jista' biss jinkoraġġixxi r-riforma, iżda r-responsabbiltà tal-proċess ta' riforma qiegħda f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Kaxxa 15 — Il-limiti tad-djalogu politiku rigward l-istat tad-dritt It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni lill-“Bożnija-Ħerzegovina” u lill-“Kosovo”

Il-Kummissjoni tosserva li d-djalogu politiku mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent sar b'mod effiċjenti u orjentat biex jinkisbu r-riżultati, u ppermetta li jsir progress, kif deskritt fil-pakketti tat-tkabbir / fir-rapporti ta' progress ta' kull sena. Madankollu, il-kumplexità tar-riformi vvalutati f'dan l-awditu turi li l-proċess jeħtieġ iż-żmien, b'mod partikolari minħabba li l-Kummissjoni tapplika approċċ li jpoġġi l-kwalità qabel l-għaġla. Barra minn hekk, il-pass tar-riformi fil-pajjiżi kkonċernati huwa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Rakkomandazzjoni 1 Objettivi. Ġestjoni Indiretta

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni 2 Kundizzjonijiet. Monitoraġġ. Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

71

Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li għet applikata l-kondizzjonalità, fejn kien xieraq, u fil-livell adegwat, sabiex jinkiseb l-impatt massimu possibbli tal-objettivi tal-politika tat-tkabbir, f'kundestji politiċi ħafna drabi diffiċli.

Fir-rigward tal-livelli ta' finanzjament, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-finanzjament ipprovdut fis-setturi rilevanti kien adegwat, meta jittieħed inkonsiderazzjoni l-ammont relattivament limitat ta' investimenti fuq skala kbira meħtieġa u l-limiti imposti mill-kapaċità ta' assorbiment attwali. Il-libertà tal-media, is-soċjetà ċivili u l-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata jeħtieġu primarjament l-għoti ta' pariri esperti permezz tal-assistenza teknika, li kienet żgurata permezz tal-IPA, u mhux permezz ta' investment fuq skala kbira.

Rakkomandazzjoni 3 Ir-rekord ta' riżultati tajbin Riżorsi

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

74

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali kien primarjament stabbilit mill-pajjiżi tar-reġjun bħala forum fejn jistgħu jiltaqgħu u jiddiskutu l-isfidi komuni, u li dan l-għan intlaħaq.

Rakkomandazzjoni 4 Il-kooperazzjoni Reġjonali

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

75

Il-Kummissjoni tosserva li, meta d-djalogu politiku kellu impatt limitat fuq l-istat tad-dritt, dan kien primarjament minħabba nuqqas ta' impenn politiku min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali.

Rakkomandazzjoni 5 Djalogu politiku

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Avveniment	Data
Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu	10.3.2015
L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra)	6.6.2016
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	12.7.2016
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha	31.8.2016

Il-politika tat-tkabbir tal-UE fil-Balkani tal-Punent ittrattat sitt pajjiżi Ewropej li ġew affettwati storikament minn kunflitti etniċi, politiċi u ekonomiċi serji, u li jaspiraw li jingħaqdu mal-UE.

Il-Qorti wettqet valutazzjoni ta' jekk il-ġestjoni, mill-Kummissjoni, tal-IPA fil-Balkani tal-Punent fl-oqsma ewlenin tal-istat tad-dritt u tal-amministrazzjoni pubblika kinitx effettiva u jekk tassew saħħitx il-kapaċità amministrattiva fir-reġjun. Minbarra dan, il-Qorti eżaminat il-kisbiet tad-djalogu politiku bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent fit-tiŝiħ tal-kapaċità amministrattiva.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet